**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 27 ta` Gunju 2017**

**Kawza Nru. 5**
**Rik. Gur. Nru. 16/15 JZM**

**Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. (C 8692)**

***kontra***

**More Supermarkets (Hamrun) Limited (C57252), Ryan Schembri (ID Numru 450878M), Mario Schembri (ID Numru 979349M), Christian Delia (ID Numru 337568M), Kurt Camilleri (ID Numru 371984), Adrian Agius (ID Numru 328078M) u Darren Casha (ID Numru 341982M)**

***u***

**b`digriet moghti fit-23 ta` Frar 2015 gew nominati l-Avukat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D u l-Prokuratur Legali Francesco Catania bhala Kuraturi**

**Deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Darren Casha u Ryan Schembri**

***u***

**b`digriet tas-16 ta` Gunju 2016 il-Prokuratur Legali Francesco Catania bhala Kuratur Deputat gie sostitwit bil-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors guramentat prezentat fid-9 ta` Jannar 2015 li jaqra :-

*1. Is-socjeta` rikorrenti pprovdiet lis-socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Limited b`merkanzija u dan skont ftehim intestat "credit application form" ;*

*2. Dan il-ftehim kien bejn is-socjeta` rikorrenti (bhala supplier) u s-socjeta` intimata More Supermarkets (Hamrun) Limited (bhala purchaser) u kif ukoll mal-intimati l-ohra kollha f`isimhom proprju u bhala garanti solidali ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited (kopja ta` dan il-ftehim tinsab annessa u mmarkata bhala Dokument "**A**") ;*

*3. Nonostante li More Supermarkets (Hamrun) Limited irceviet il-merkanzija, il-hlas baqa` ma sarx la minnha u lanqas mill-intimati l-ohrajn bhala garanti solidali ;*

*4. L-ammont dovut huwa ta` EUR 350,625.25 u dan skont kif jirrizulta mill-istatement anness u mmarkat Dokumenti "**B**" ;*

*5. Minkejja diversi talbiet ghall-hlas u diversi weghdiet li l-hlas sejjer isir, sal-lum il-hlas baqa` ma sarx ;*

*6. Is-socjeta` rikorrenti tibbaza t-talba taghha fil-konfront tas-socjeta` intimata More Supermarkets (Hamrun) Limited u tal-intimati l-ohra kollha u dan abbazi tal-garanzija solidali li huma taw ;*

*7. L-ammont ta` EUR 350,625.25 huwa wiehed cert, likwidu u li ghalaq u li ma jikkonsistix fl-ezekuzzjoni ta` fatt ;*

*8. Fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, u skont sa fejn taf l-istess socjeta`, l-intimati kollha m`ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu ghal din it-talba ;*

*9. Ighidu ghalhekk l-intimati ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :-*

*i. Tipprocedi ghas-sentenza skont it-talba tas-socjeta` rikorrenti b`dispensa tas-smigh tal-kawza ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*ii. Tiddikjara lill-intimati debituri favur is-socjeta` Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd ghas-somma ta` EUR 350,625.25 u dan oltre mghaxijiet skont il-ligi sad-data tal-pagament effettiv ; u*

*iii. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta` EUR 350,625.25 u dan oltre mghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta` sekwestru numru 2010/14 kontra l-intimati li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat illi l-kawza ma baqghetx tinstema` bil-procedura sommarja specjali izda bil-procedura ordinarja.

Rat ir-risposta guramentata ta` Christian Delia u Kurt Camilleri li kienet prezentata fis-27 ta` Frar 2015 li taqra :–

1. *Illi t-talbiet rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda in kwantu l-ftehim a bazi ta` liema hi msejjsa l-procedura odjerna, ossia l-Credit application form (Dok. A mar-rikors guramentat), ma tiswiex u hija nulla fil-konfront taghhom ai termini tal-Artikoli 974 u 981 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta peress li l-kunsens taghhom ghall-imsemmi ftehim gie moghti b`rizultat ta` ghemil doluz u ta` ingann da parte ta` wahda mill-partijiet ghall-istess ftehim ;*

2. *Illi jirrizulta li l-ftehim in kwistjoni ossia l-credit application form (Dok.A mar-rikors guramentat) hu dokument standard li gie moghti mis-socjeta` rikorrenti lil Ryan Schembri bhala direttur ezekuttiv ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited. L-istess Ryan Schembri talab u ottjena l-firem fuq il-ftehim in kwistjoni minghand id-diretturi u l-azzjonisti kollha tal-istess More Supermarkets (Hamrun) Limited bid-differenza pero` li meta talab u ottjena tali firem hu spjega lill-intimati esponenti Christian Delia u Kurt Camilleri li tali ftehim hu mehtieg limitatament fir-rigward ta` dik il-merkanzija ntiza ghall-istess socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Limited u kkunsenjata fl-istess stabbiliment fil-Hamrun. Pero` jirrizulta illi meta dan il-ftehim ossia Credit application form gie moghti lura lis-socjeta` rikorrenti, l-indirizz tal-kunsenja ndikat fl-istess ftehim kien dak tal-istabbilimenti kollha tas-supermarkets `More` u cioe` l-More Supermarket fil-Mosta, l-More Supermarket f`Paceville, l-More Supermarket fil-Fgura u l-More Supermarket Haz-Zebbug. Illi dawn l-istabbilimenti, ghajr dak tal-Hamrun, ma kinux imnizzla fil-Credit application form in kwistjoni fil-mument meta l-esponenti ffirmaw l-istess, kif jirrizulta mid-dokument hawn anness bhala Dok. X, u li kieku dawn l-istabbilimenti kienu mnizzla l-esponenti ma kinux ser jaghtu l-kunsens taghhom ghall-istess ftehim u anqas ma taw susseguentement, la espressament u anqas implicitament, il-kunsens taghhom ghall-istess ;*

3. *Illi, ghalhekk, il-kunsenji mertu tal-kawza odjerna ma sarux fl-istabbiliment tal-Hamrun biss izda saru fid-diversi stabbilimenti kif indikat fuq il-ftehim in kwistjoni u dan ad insaputa u a skapitu tal-esponenti ;*

4. *Illi l-intimati esponenti qatt ma taw il-kunsens taghhom sabiex jaghmlu tajjeb solidalment ghad-dejn favur is-socjeta` rikorrenti relattivament ghall-merkanzija provduta u kkunsenjata lill-istabbilimenti kollha tal-`More` u qatt ma kienet intiza li ssir tali garanzija tant li l-ftehim*

*in kwistjoni hu ntiz ghal dawk id-diretturi u l-azzjonisti tas-socjeta` in kwistjoni sabiex jaghmlu tajjeb ghall-istess socjeta` biss u mhux biex jaghmlu tajjeb ghad-dejn ta` socjetajiet ohra ;*

*5. Illi jirrizulta li l-prezz tal-merkanzija li giet ikkunsenjata unikament a favur, u direttament fl-istabbiliment, tas-socjeta` intimata fil-Hamrun tammonta ghal ferm anqas mill-ammont kif mitlub mis-socjeta` rikorrenti ;*

*6. Illi ghalhekk l-esponenti mhumiex responsabbli ghall-hlas tal-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti ;*

*7. Illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom ;*

*8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta` dokumenti.

Rat ir-risposta tal-Kuraturi Deputati Av Yana Micallef Stafrace u l-PL Francesco Catania li kienet prezentata fit-13 ta` Marzu 2015 li taqra :–

*Illi l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt li jippezentaw risposta motivata f`kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.*

*Salv risposta ulterjuri*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw More Supermarkets (Hamrun) Ltd u Josephine Casha fil-vesti taghha ta` kuratrici ta` l-assenti Darren Casha fl-4 ta` Marzu 2015 li taqra hekk :-

*1. Illi s-socjeta` attrici trid tipprova l-interess guridiku taghha u dan stante li b`referenza ghall-credit application form, li abbazi tieghu hija msejsa din il-kawza ma huwiex car jekk min ipprovda servizz hijiex is-socjeta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd, jew socjeta` ohra parti mill-Grupp bl-isem Derfla Ltd li hija msemmija wkoll fil-kuntest tal-credit application form ;*

*2. Illiminghajr pregudizzju ghall-premess, Credit Application Form bhal ma hu Dok A esebit mar-rikors mahluf ma jikkostitwix ftehim stante li jonqsu minnu l-elementi mehtiega biex jigi kkostitwit ftehim. Id-Dok A kull ma hi talba biex isir bejgh bi kreditu u ma hiex segwita b`xi ftehim, kif solitament isir ;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u f`kaz biss li s-socjeta` attrici jirnexxielha tipprova l-interess guridiku taghha, l-eccipjenti More Supermarkets (Hamrun) Ltd setghet biss titlob, u tratta, ghal konsenji ta` merkanzija destinati ghas-supermarket tal-Hamrun gestit mill-eccipjenti, izda minn kumpanniji ohra, senjatament More Supermarkets (Mosta) Ltd, More Supermarkets (P`Ville) Ltd u More Supermarkets (Fgura) Ltd, li bihom il-firmatarji tal-Credit Application Form indikati bhala diretturi ma kellhom ebda interess jew involvement f`Lulju 2014. Ghaldaqstant kwalunkwe rbit u negozju ma` terzi seta` biss isir fil-konfront ta` l-istabiliment tal-Hamrun gestit mill-eccipjenti ;*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, filwaqt illi huwa minnu li Ryan Schembri kien direttur tas-socjetajiet More kollha (u cioe` l-operaturi ta` l-istabbilimenti tal-Mosta, Paceville u l-Fgura apparti tal-Hamrun) fil-passat, f`Lulju 2014, meta saret il-Credit Application, huwa kien biss direttur ta` l-eccipjenti stante li huwa kien irrizenja mill-kumpanniji kollha l-ohra tal-Grupp More f`Mejju 2014. Dan ifisser li Ryan Schembri qatt ma setgha jittratta ma` terzi biex isir xi xoghol fl-istabbilimenti tal-Mosta, Paceville u Fgura u ghaldaqstant agixxa ultra vires u huwa hati ta` rapprezentanza indebita, meta ttratta biex isiru konsenji ta` merkanzijaf`dawk l-istabbilimenti l-ohra, u seta` biss jittratta u jaghmel rapprezentazzjonijiet ghal konsenji destinati ghall-bejgh mill-Hamrun biss ;*

*5. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, jirrizulta li s-socjeta` attrici ntavolat proceduri ohra fl-ismijiet* ***Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Erom Trading Ltd et (Cit. 15/15 JRM)*** *fejn jidher li l-pretensjoni f`dik il-kawza tittratta wkoll konsenji, valutati fis-somma ta`*

*€275,000, li allegatament saru **<u>fl-istess stabilimenti</u>** gestiti mis-socjetajiet More Supermarkets, ossia fil-Hamrun, Fgura, Mosta u Paceville, **<u>fl-istess perjodu ta` zmien</u>**, u ghalhekk jidher illi hemm duplicita` fl-ammonti mitluba minnha sal-ammont ta` €275,000, li s-socjeta` attrici ghad trid tispjega. Ma jaghmilx sens illi jsiru ordnijiet doppji minn zewg entitajiet ghad-distribuzzjoni fl-uistess stabilimenti fl-istess perijodu ta` zmien ;*

*6. Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha, l-ammont pretiz huwa kkontestat u sta ghas-socjeta` attrici tipprova sal-grad rikjest mil-ligi, f`kaz dejjem li jirnexxielha tipprova l-interess guridiku mehtieg in linea ma` l-ewwel eccezzjoni, x`merkanzija, jekk kien hem, inbieghet u giet ikkonsenjata sabiextinbiegh mill-eccipjenti fl-istabiliment taghha tal-Hamrun.*

***In kwantu ghal Josephine Casha fil-vesti taghha ta` kuratrici ta` l-assenti Darren Casha :***

*7. Illi l-eccipjenti Josephine Casha taghmel taghha l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Ltd ;*

*8. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, u minn informazzjoni li ottjeniet l-eccipjenti, il-garanzija li jidher li nghatat minn Darren Casha fil-Credit Application Form de qua jidher li gietr karpita bi frodi u ingann perpetwata mill-konvenut Ryan Schembri u ghaldaqstant m`ghandhiex tiswa*

*9. Illi lanqas ma huwa korrett illi Darren Casha kien jew hu personalment azzjonist tas-socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Ltd kif indikat mill-Credit Application Form, u dan huwa izjed indikattiv tal-fatt li effettivament il-firma tieghu giet karpita b`ingann perpetwat minn Ryan Schembri.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta Mario Schembri fit-<u>30 ta` Marzu 2015</u> li taqra :–

*1. Illi preliminarjament is-socjeta` attrici ghandha tipprova l-interess guridiku taghha u dan ghaliex b`referenza ghall-credit application form, li a bazi tieghu hija msejsa l-kawza odjerna, ma huwiex car jekk min ipprovda servizz hiex is-socjeta` Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd jew socjeta` ohra parti mill-grupp bl-isem Derfla Limited li hija msemmija wkoll fil-kuntest tal-credit application form.*

*2. Illi wkoll in linea preliminari credit application form bhalma hu ezebit mar-rikors mahluf (Dok A) ma jikkostitwix ftehim stante li jonqsu minnu l-elementi mehtiega biex jigi kostitwit ftehim. Il-credit application form ezebita ma tikkostitwix ftehim izda semplicement talba biex isir bejgh bi kreditu.*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju t-talbiet rikorrenti fil-konfront tal-esponent Mario Schembri huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda in kwantu l-ftehim a bazi ta` liema msejsa l-procedura odjerna, ossia l-credit application form, ma tiswiex u hija nulla fil-konfront tieghu ai termini tal-Artikoli 974 u 981 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta peress li l-kunsens tieghu ghall-imsemmi ftehim gie moghti b`rizultat ta` ghemil doluz u ta` ingann da parti ta` wahda mill-partijiet ghall-istess ftehim.*

*4. Illi kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-credit application form huwa dokument tendered li gie moghti mis-socjeta` Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd lil Ryan Schembri bhala direttur ezekuttiv ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited. L-istess Ryan Schembri talab u ottjena l-firem fuq il-ftehim in kwistjoni minghand id-diretturi u l-azzjonisti kollha tal-istess More Supermarkets (Hamrun) Limited bid-differenza pero` li meta talab u ottjena tali firem hu spjega li tali ftehim hu mehtieg limitatament fir-rigward ta` dik il-merkanzija ntiza ghall-istess socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Limited u kkunsenjata fl-istess stabbiliment fil-Hamrun. Pero` jirrizulta li meta dan il-ftehim gie moghti lura lis-socjeta` Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd l-indirizz tal-kunsenja ndikat fl-istess ftehim kien dak tal-istabbilimenti kollha tal-istabbilimenti `More` u cioe` dawk tal-Mosta, ta` Paceville, tal-Fgura u ta` Haz-Zebbug. Illi dawn l-istabbilimenti, ghajr dak tal-Hamrun, ma kienux imnizzla fil-credit application form fil-mument meta l-esponent Mario Schembri ffirma l-istess u kieku dawn l-istabbilimenti kienu mnizzla l-istess Mario Schembri ma kienx jaghti l-kunsens tieghu ghall-istess ftehim u lanqas ta sussegwentement il-kunsens tieghu ghall-istess.*

*5. Illi ghalhekk il-kunsinja mertu tal-kawza odjerna saru fl-istabbilimenti kollha tal-More Supermarkets u dan ghal insaputa u a skapitu ta` Mario Schembri.*

*6. Illi kif ser jirrizulta wkoll waqt it-trattazzjoni tal-kawza l-firma u l-kunsens ta` Mario Schembri fuq il-credit application form gie moghti b`rizultat ta` ingann ta` impjegat tal-kumpannija More Supermarkets (Hamrun) Limited.*

*7. Illi Mario Schembri qatt ma ta l-kunsens tieghu biex jaghmel tajjeb solidament ghad-dejn favur is-socjeta` Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd relattivament ghall-merkanzija kunsenjata lill-istabbilimenti kollha tal-`More` u qatt ma kienet intiza li ssir tali garanzija tant li l-ftehim in kwistjoni huwa ntiz ghal dawk id-diretturi u azzjonisti tas-socjeta` in kwistjoni sabiex jaghmlu tajjeb ghall-istess socjeta` biss u mhux biex jaghmlu tajjeb ghad-dejn tas-socjetajiet l-ohra.*

*8. Illi jirrizulta li l-prezz tal-merkanzija li giet ikkunsinjata unikament favur l-istabbiliment tas-socjeta` intimata l-Hamrun tammonta ghal ferm anqas mill-ammont kif mitlub mis-socjeta` rikorrenti.*

*9. Illi inoltre s-socjeta` attrici ntavolat proceduri ohra Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Jerome Trading Limited et (Citaz Nru 15/15 JRM) fejn jidher il-pretenzjoni f`dik il-kawza titratta wkoll konsenji li allegatament saru fl-istess stabbilimenti gestiti mis-socjetajiet More Supermarkets fl-istess perjodu ta` zmien u ghalhekk jidher illi hemm dupplicita` ta` ammonti mitluba minnha li s-socjeta` attrici ghad trid tispjega.*

*10. Illi ghalhekk Mario Schembri mhux responsabbli ghall-hlas tal-ammont mitlub mis-socjeta` rikorrenti.*

*11. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat il-lista tax-xhieda.

**Rat in-nota li pprezentat is-socjeta` attrici fl-20 ta` April 2015 fejn cediet il-kawza (kemm fil-mertu u kif ukoll fir-rigward tal-kap tal-ispejjez) <u>limitatament</u> fil-konfront ta` l-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u Adrian Agius.**

**Rat in-nota li pprezentat is-socjeta` attrici fl-20 ta` April 2015 fejn irriduciet is-sorte pretiza ghas-somma ta` €250,625.25 mis-somma ta` €350,625.25 u fejn zammet ferm il-pretensjoni ghall-hlas ta` €250,625.25 fil-konfront ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited, Ryan Schembri, Mario Schembri u Darren Casha.**

Rat illi fl-udjenza tat-12 ta` Mejju 2015 kien dikjarat illi hija kienet sejra taghti sentenza wahda kemm dwar l-eccezzjonijiet ta` natura preliminary jew legali kif ukoll dwar il-mertu.

Semghet ix-xiehda u rat il-provi l-ohra li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet li pprezentat is-socjeta` attrici fid-29 ta` Dicembru 2016 u dik li pprezentaw il-konvenuti More Supermarkets (Hamrun) Limited u Darren Casha fl-14 ta' Frar 2014.

Rat id-digriet li bih il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Provi</u>

**<u>Marvin Sapiano</u>** xehed illi huwa l-*credit control manager* tas-socjeta` rikorrenti. Din ipprovdiet lis-socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Limited b`merkanzija skont ftehim intestat *credit application form.* Il-ftehim sar bejn is-socjeta` rikorrenti bhala *supplier* u s-socjeta` intimata More Supermarkets (Hamrun) Limited bhala *purchaser* u kif ukoll ma` l-intimati l-ohra kollha f`isimhom proprju u bhala garanti solidali ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited. Ghalkemm More Supermarkets (Hamrun) Limited rceviet il-merkanzija, il-hlas baqa` ma sarx la minnha u lanqas mill-intimati l-ohra kollha bhala garanti solidali. L-ammont dovut huwa ta` EUR 350,625.25

skont l-i*statement.* Minkejja diversi talbiet ghall-hlas u diversi weghdiet li l-hlas kien sejjer isir, il-hlas baqa` ma sarx.

Kompla jixhed illi l-*credit application form* hija dokument fejn Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited u/jew Derfla Limited jaqblu li ser ifornu l-prodotti tal-grupp Alf Mizzi u li l-hlas lura ghall-prodotti jsir mid-debitur skont il-ftehim. Fil-kaz ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited kien miftiehem li l-hlas kellu jsir fi zmien disghin (90) jum. In-negozju in kwistjoni kien trattat ghas-socjeta` attrici minn Ivan Azzopardi u Christopher Micallef.

Stqarr illi More Supermarkets (Hamrun) Limited kienet inghatat garanzija personali minn Ryan Schembri, Mario Schembri, Darren Casha, Christian Delia, Kurt Camilleri u Adrian Agius. Spjega li Ryan Schembri u missieru Mario Schembri kienu ghadhom diretturi ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited flimkien ma` Darren Casha. Il-garanzija taghhom kienet solidali ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited. Huwa pprezenta l-original tad-Dok A.

Xehed li meta ra l-formula sab illi l-VAT no u l-company no ma kinux jaqblu ma` dawk ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited. Fit-23 ta` Lulju 2014 huwa kellem lill-accountant Dennis Francalanza permezz ta` email fejn kien qallu li ma kellux problema li dawn jinbidlu fin-numri t-tajbin. Fil-fat saret emenda u ffirma l-*credit application form* fuq wara taghha flimkien ma` Christopher Micallef ; imbaghad ghadda d-dokument lill-*accounts department* tas-socjeta` rikorrenti sabiex jinfetah il-kont.

Qal illi l-ewwel konsenja lil More Supermarkets (Hamrun) Limited saret fit-28 ta` Lulju 2014 meta harget l-ewwel *invoice* bin-nru 70002738. Ipprezenta l-fatturi kollha li jaghmlu total ta` EUR 350,625.25c ; il-bejgh sar bejn it-28 ta` Lulju 2014 sa Ottubru 2014. Prospett ta` dawn l-*invoice*s tidher fl-i*statement* anness bhala Dok B minn fejn jirrizulta l-ammont dovut kategorizzat skont is-*salesmen* li jkun responsabbli ghax-xorta jew in-natura tal-prodott.

Fisser illi l-kolonni ta` Dok B. L-ewwel kolonna hija d-data meta harget l-*invoice* ; (ii) it-tieni kolonna hija d-data meta kellu jsir il-hlas ; (iii) it-tielet kolonna hija r-riferenza interna ; (iv) ir-raba` kolonna tindika t-tip ta` dokument ; (v) il-hames kolonna hija numru ta` riferenza tad-dokument ; (vi)

is-sitt kolonna hija referenza interna ; (vii) is-seba` kolonna tindika jekk hux *invoice* jew *credit note* jew *collection note* ; (viii) it-tmien kolonna hija l-currency ; (ix) id-disa` kolonna hija l-ammont originali tal-*invoice* jew *credit note* ; (x) l-ghaxar kolonna tindika xi tnaqqis li jkun sar minn fuq l-*invoice* u (xi) il-hdax-il kolonna tindika l-ammont dovut fuq l-*invoice.* L-*invoice*s u *credit note*s jaqblu ma` l-i*statement.*

Ipprezenta *statement* tas-socjeta` Erom Trading Limited minn fejn jirrizultaw l-*invoice*s mahruga lil Erom Trading Limited mnejn jirrizulta li l-ebda wahda mill-*invoice*s ma hija l-istess jew duplikata. Ma sar ebda bejgh duplikat liz-zewg kumpanniji. Is-socjeta` rikorrenti bdiet proceduri separati kontra Erom Trading Limited ghall-kreditu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Xehed li mill-fatturi ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited, l-*invoice* tohrog f`isem Derfla Limited pero` hemm specifikat bic-car li l-hlas ghandu jsir lil Alf Mizzi and Sons (Marketing) Limited. Dak kien arrangement intern bejn Derfla Limited u s-socjeta` rikorrenti. Mill-*credit application form* dawn huma z-zewg kumpanniji li jidhru fuq il-*credit application form* u li jistghu jitolbu l-hlas.

Kompla jispjega li fejn fl-istess *credit application form*, hemm indikat diversi lokalitajiet u cioe` Hamrn, Mosta, Paceville, Fgura u Zebbug, dawn gew indikati biss bhala l-postijiet jew hwienet fejn kellha ssir il-konsenja tal-merkanzija mibjugha. Sostna li dawn ma kienux qed jirreferu ghal kumpanniji differenti. Id-debitur principali huwa More Supermarkets (Hamrun) Limited bil-garanziji personali li nghataw. Sostna li minghajr il-garanziji personali, is-socjeta` rikorrenti ma kinitx ser testendi l-kreditu li gie estiz fuq dak id-debitur.

Kompla jghid li l-bejgh lil More Supermarkets (Hamrun) Limited waqaf bejn wiehed u iehor f`Ottubru 2014 bid-dejn jigi kristallizzat fl-ammont ta` EUR 350,625.25c. Dan l-ammont baqa` mhux imhallas sa meta nfethu dawn il-proceduri. Ikkonferma li ntlahaq ftehim ma` uhud mill-garanti personali li hallsu l-ammont ta` €100,00 sabiex b`hekk il-bilanc dovut minn More Supermarkets (Hamrun) Limited, Darren Casha, Ryan Schembri u Mario Schembri gie EUR 250,625.25c apparti l-imghax.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, stqarr illi ghalkemm l-*invoice*s hargu minn Derfla Limited fuq kull *invoice* hemm miktub li *payments are to be made payable to*

*Alf Mizzi & Sons Marketing Ltd.* Ma kellhomx ghalfejn jinfurmaw lil More Supermarkets (Hamrun) Limited li kellha thallas lis-socjeta` rikorrenti mhux lil Derfla Limited ghaliex dik kienet haga interna.

Spjega li l-*credit application form* ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited saret fit-23 ta` Lulju 2014, ossija fl-istess gurnata li huwa baghat l-email lil Francalanza biex jinfurmah li kien hemm imnizzel il-VAT no hazin. In-nru tal-VAT zbaljat li tnizzel kien ta` Erom Trading Limited. Lewwel konsenja saret fit-28 ta` Lulju 2014.

Qal illi bil-*credit application form* min jixtri jakkwista *credit.* Fejn ikun hemm *credit limit,* hemm il-firem ta` Chris Micallef, Noel Aquilina u tieghu. Malli huma ffirmaw, kien awtorizzat il-bejgh *on credit.*

Huwa pprezenta t-transazzjonijiet ta` Erom Trading Limited u More Supermarkets (Hamrun) Limited sabiex juri li ma ma kienx hemm duplikazzjonijiet.

**Christopher Paul Micallef** xehed illi huwa jokkupa l-kariga ta` *sales manager* ma` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited. Ikkonferma li s-socjeta` rikorrenti kellha tithallas is-somma ta` EUR 250,625.25c minghand More Supermarkets (Hamrun) Limited, Ryan Schembri, Mario Schembri u/jew Darren Casha. L-ammont originali kien naqas fil-mori tal-kawza wara li ntlahaq ftehim mal-konvenuti l-ohra li kienu wkoll garanti.

Stqarr illi hu u Ivan Azzopardi kienu involuti fin-negozjati ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited. Qabel is-socjeta` rikorrenti kellha relazzjoni kontrattwali ma` Cassar and Schembri (Marketing) Limited sal-2007, u wara ma` Erom Trading Limited. Id-diretturi ta` Cassar & Schembri (Marketing) limited kienu Ryan Schembri u Etienne Cassar. Meta saru l-kumpanniji "More"fl-2012, is-socjeta` rikorrenti baqghet tbiegh lil Cassar & Schembri (Marketing) Limited ghal tul ta` zmien. Ghall-bidu, il-konsenji kienu jsiru ghall-esportazzjoni u wara ghall-bejgh fil-varji hwienet bl-isem "More".

Qal illi din is-sitwazzjoni damet hekk sakemm fid-9 ta` Gunju 2014, is-socjeta` rikorrenti giet infurmata minn Matthew Borg li c-chain ta` supermarkets "More" kienet giet akkwistata minn azzjonisti different u li

dawn riedu jiltaqghu maghhom. Saret laqgha li ghaliha kienu prezenti hu, Ivan Azzopardi, Matthew Borg, Carinzia Camilleri (li kienet il-manager tal-hwienet), Dennis Francalanza (l-accountant), Darren Casha, Adrian Zammit u Ray Camilleri. Kien infurmat illi Erom Trading Limited kienet ser tassumi l-hlas tad-dejn kollu ta` Cassar & Schembri (Marketing) Limited ghal dak li ghandu x`jaqsam ma` l-operat tas-supermarkets u li minn dakinhar `il quddiem ir-relazzjoni taghhom kellha tkun ma` Erom Trading Limited. Fit-13 ta` Gunju 2014 is-socjeta` rikorrenti rceviet *credit application form* ta` Erom Trading Limited iffirmata minn Darren Casha li kien qieghed jaghmel tajjeb personalment.

Kompla jixhed illi hu u Ivan Azzopardi kienu urew thassib kif Ryan Schembri kien ser johrog mix-xena wara tant zmien isir negozju mieghu. Darren Casha kien stqarr li Ryan Schembri ma kienx prezenti ghal-laqgha ghaliex kien fuq negozju l-Algerija u li l-azzjonisti l-godda kienu huma u mhux aktar Cassar & Schembri (Marketing) Limited. Fl-1 ta` Lulju 2014 hu u Ivan Azzopardi ltaqghu ma` Ryan Schembri u missieru. Ghal-laqgha kien hemm Carinzia Camilleri. Ryan Schembri spjega li kien aktar jaqbel li r-relazzjoni taghhom tkun ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited milli ma` Erom Trading Limited ghaliex dik kienet kumpanija aktar kapitalizzata u d-diretturi kollha kienu lesti li jaghtu garanzija personali. Wara dakinhar ntbaghtet *credit application form* lil Ryan Schembri.

Spjega li fit-23 ta` Lulju 2014, Ryan Shembri qalilhom li kienu lesti li jghaddulhom l-*credit application form* iffirmata. Francalanza mar ghandhom bid-Dok A. Dak il-hin il-formola kellha l-parti ta` fuq mimlija kollha izda kien hemm biss il-firem ta` Christian Delia u Kurt Camilleri. Ryan Schembri u missieru ffirmaw quddiemu u quddiem Ivan Azzopardi. Darren Casha dahal fil-kamra u ffirma fuq it-tieni faccata. Ftehmu li jiehdu l-original ta` l-ewwel faccata maghhom u Francalanza mbaghad kellu jaghtihom it-tieni faccata, li fuqha kien hemm diga` l-firma ta` Casha, wara li tigi ffirmata minn Adrian Agius. In segwitu Francalanza ghaddielhom it-tieni faccata ffirmata minn Agius ukoll.

Spjega wkoll illi f`email li baghat fil-25 ta` Lulju 2015, Francalanza kien qal illi huwa kien ser izomm ghandu l-original tat-tieni pagna (li erronjament irrefera ghaliha fl-istess email bhala l-ewwel pagna).

Stqarr illi f` l-istadju nghalqet ir-relazzjoni tas-socjeta` rikorrenti ma` Erom Trading Limited u bdiet ir-relazzjoni ma` More Supermarkets

(Hamrun) Limited. Wara li kollox kien f` postu, huwa ghadda l-*credit application form* lil Marvin Sapiano li kien responsabbli biex jiftah l-account. Sahaq illi ma setax ikun hemm duplikazzjoni bejn konsenji lil More Supermarkets (Hamrun) Limited u lil Erom Trading Limited, ghaliex dawn dejjem inzammu bhala zewg *accounts* separati u kieneu trattati bhala zewg debituri distinti mis-socjeta rikorrenti.

Spjega li l-bejgh li sar lil More Supermarkets (Hamrun) Limited sehh sa Ottubru 2014. Intant is-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda kuntatt ma` Ryan Schembri u l-laqghat kienu jsiru ma` Darren Casha. Fl-1 ta` Ottubru 2014, Casha accertah li kienu ser jithallsu u li ebda negozju tieghu ma kien falla. Saret laqgha ohra fil-25 ta` Novembru 2014 u dana wara varji talbiet ghall-hlas. Spjega li f` laqgha li saret sussegwentement ma` Darren Casha, dan qalilhom : *game over*. Hu u Ivan Azzopardi nfurmawh li kienu ser jiehdu passi anke fil-konfront tieghu personalment, u Casha qalilhom li ma kien hemm xejn xi jsir. Fl-ebda hin ma ntqal minn Casha li ma kienx ser ihallashom jew li l-ammont mhux dovut jew li huwa ma ffirmax il-*credit application form*.

Billi l-hlas baqa` ma sarx, saret din il-kawza.

Fil-**kontroezami** xehed illi huwa ra l-kuntratt li sar bejn Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited u More Supermarkets (Hamrun) Limited. Sostna li kull klijent li ghandha Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited irid jiftah kont u d-dokument irid ikun iffirmat minn kull klijent. Sostna li fuq il-form hemm imnizzel li s-socjeta` kreditrici hija Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited. Ikkonferma li Ryan Schembri kien il-contact person mas-socjeta` rikorrenti vis a vis More Supermarkets. Ikkonferma li fil-bidu ta` Gunju 2014 kien kontattat minn Matthew Borg li qallu li l-kumpannija kienet sejra ssir ta` haddiehor. Darren Casha, Ray Camilleri u Adrian Zammit kienu ntrodotti bhala s-sidien il-godda ta` More Supermarkets. Jista` jkun li ssemmiet xi kumpannija.

Ikkonferma li wara l-laqgha li saret fil-bidu ta` Gunju 2014, sar ftehim li kien iffirmat minn Darren Casha ghan-nom ta` Erom Trading Limited. Sostna li Cassar & Schembri ma baqghux jixtru. Huma bdew ibieghu lil Erom Trading Limited. Min-naha taghhom huma nsistew li peress li s-socjeta` attrici kellha relazzjoni ma` Ryan Schembri, kellhom jiltaqghu ma` Ryan Schembri.

Stqarr illi fuq il-*credit application form* jiffirmaw id-diretturi u ghalhekk jekk iffirma Darren Casha, kien qed jaghmel dan bhala diretur. Ma kenitx il-prassi li l-formula tkun iffirmata minn azzjonisti wkoll. Spjega li ftit wara kien cempel Ryan Schembri u insista li ma setax isir il-ftehim li sar peress li huwa kien ghadu direttur ta` More Supermarkets. Ghalhekk hu u l-kollega tieghu marru jergghu jkellmuh.

Spjega li meta sar il-ftehim ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited, il-hwienet ta` More kienu ghadhom operattivi.

Stqarr illi mbaghad sar ftehim gdid ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited peress li Ryan Schembri kien qal li dik il-kumpannija kellha *paid up capital* ta` xi EUR 300,000 mentri Erom Trading Limited kellha *paid up capital* ta` EUR 3,000. L-idea biex isir ftehim ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited kienet ta` Ryan Schembri u kulhadd accetta. Sostna li Darren Casha kien parti minn More u pprezenta ruhu bhala direttur.

Xehed li sa Settembru 2014, is-socjeta` rikorrenti kienet ghadha tbiegh lil More.

Stqarr illi huwa ma qarax il-*credit application form* lil Darren Casha. Dan kien ghadu kif iffirma formula simili ftit zmien qabel. Hadd mis-socjeta` attrici ma qara lil Darren Casha l-formula. Sostna li huwa ma kkomunikax ma` Darren Casha wara li kienet giet iffirmata l-*credit application form* ma` Erom Trading Limited.

Sostna li dik il-formula kellha xi granet indikati fiha sakemm tidhol fis-sehh u ghalhekk Darren Casha kellu zmien bizzejjed biex ijikkonsulta ruhu mal-avukati tieghu. Bhala negozjant li kien, l-anqas haga li seta` ghamel kien illi jaqra dak li kien qed jiffirma.

**<u>Av. Dr. Alec Mizzi</u>** – Direttur Manigerjali ta` s-socjeta` attrici u ta` Derfla Limited – xehed illi z-zewg kumpanniji jaghmlu parti mill-Alf Mizzi & Sons Group. Qal illi jaf li s-socjeta` rikorrenti ghandha tithallas EUR 250,625.25 minghand More Supermarkets (Hamrun) Limited, Ryan Schembri, Mario Schembri u/jew Darren Casha. L-ammont originali kien €350,625.25, izda naqas b`€100,000 wara li sar ftehim barra l-qorti ma` garanti personali li mhumiex id-debituri attwali tal-ammont ridott.

Spjega li huwa ma kienx direttament involut fin-negozjati ghalkemm kien jaf li kienu qed ibieghu lil More Supermarkets (Hamrun) Limited. Sostna li kien biss minhabba garanziji personali li nghataw li s-socjeta\` rikorrenti kienet accettat li testendi l-kreditu u l-ammont ta\` granet sabiex jithallas lura l-ammonmt dovut. Huwa kien direttament involut meta kienet ovvju li kien hemm diffikultajiet biex isir il-hlas.

Stqarr illi hu flimkien ma\` Ivan Azzopardi kien prezenti ghal laqgha li saret ma\` Darren Casha fl-14 ta\` Ottubru 2014. Hemm kien diskuss kif kien ser isir il-hlas. Casha qatt ma semma li kien qed jikkontesta l-ammont dovut jew li kien b\`mod imqarraq ghar-rigward tal-*credit application form*. Anzi Casha ftahar li huwa qatt ma kellu negozju li falla u li kellu pjanijiet kif iqajjem in-negozju fuq saqajh. Accertahom li kien ser jithallas.

Qal illi wara din il-laqgha, huwa ma regax iltaqa\` ma\` Casha u l-ammonti dovuti baqghu ma thallsux. Ghalhekk is-socjeta\` attrici pprezentat ittra ufficjali. Stqarr illi huwa sorpriz kif Casha qed jghid li huwa ma ffirmax l-*credit application form* bhala garanti personali. Ighid hekk ghaliex materja ta\` dik ix-xorti ma kenitx qamet qabel. Spjega li qatt ma kien hemm xi kwistjoni dwar il-fatt li l-konsenji ta\` More Supermarkets (Hamrun) Limited kienu qed isiru f\`varji lokalitjiet. Lanqas qatt ma kien hemm xi kwistjoni mad-debitur principali jew mal-garanti.

Fisser li fil-*credit application form*, iz-zewg kumpanniji jidhru t-tnejn li huma bhala kredituri. Spjega li b\`rizultat ta\` arrangament intern li ghandhom, tohrog *invoice* fuq Derfla Limited pero\` jigi ndikat bic-car fil-kaz ta\` kull *invoice* li l-hlas ghandu jsir lil Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited.

**<u>Ivan Azzopardi</u>** - *senior sales manager* ta\` s-socjeta\` rikorrenti – xehed illi kien ilu jahdem mas-socjeta\` rikorrenti ghal aktar minn 20 sena. Fl-2007 is-socjeta\` rikorrenti kienet tinnegozja ma\` Cassar & Schembri. In segwitu kellhom negozju ma\` Ryan Schembri li kien ser jiftah supermarket fil-Libja. Imbaghad Schembi ghamel prezentazzjoni tas-supermarkets li kien ser jiftah Malta.

Stqarr illi Ryan Schembri beda b\`supermarket wiehed fl-2014 . Fl-ahhar ta\` l-2013, Ryan Schembri kien talabhom jghinuh fix-xiri ta\` xi equipment. Spjega li s-socjeta\` rikorrenti kienet ghaddietlu xi flus biex jixtri equipment u sar ftehim quddiem in-nutar.

Spjega li fl-2014 bdew jisimghu li l-affarijiet mhux sejrin sew. Ghalhekk huwa avvicina lil Ryan Schembri li cahad. F`April jew Mejju 2014, kien hemm cheque li ma kienx onorat. Fl-istess zmien, kien hemm il-pagamenti ma kinux qed izommu mal-ftehim.

Xehed illi l-accountant ta` Ryan Schembri kien dejjem jassigurahom li kienu sejrin jithallsu.

In segwitu sar repayment programme dwar kif ghandu jithallas il-bilanc.

Qal illi ghall-bidu, bdew isiru l-pagamenti skont il-ftehim izda mbaghad dan ma baqax izomm maghhom. Sostna li bejn Mejju u Gunju 2014, huwa kien prova jikkuntattja lil Ryan Schembri izda ma setghux jaqbdu mieghu. Ghalhekk kellu jaghmel kuntat mal-accountant Dennis Francalanza. Spjega li huwa kien gie infurmat li Ryan Schembri kien imsiefer u ghalhekk ma kienx qed jirrispondi.

Kompla jghid li gurnata minnhom jircievi email minghand Matthew Borg li ried ilaqqghu mal-azzjonisiti l-godda tal-grupp. Spjega li kienet saret laqgha li ghaliha kienu prezenti Dennis Francalanza, Carinzia Camilleri, Matthew Borg, Ray Camilleri, Adrian Zammit u Darren Casha. Huwa staqsa ghal Ryan Schembri u rega` kien infurmat illi dan kien imsiefer izda li dik il-laqgha kienet qed isir bl-approvazzjoni tieghu. Spjega li hu u l-kollega tieghu Chris Micallef gew infurmati li l-azzjonisi Ray Camilleri, Adrian Zammit u Darren Casha kienu ser jiehdu l-kontroll huma u ssemmiet is-socjeta` Erom Trading Limited. Huwa qalilhom li l-kuntatt tieghu kien Ryan Schembri u li ried jinnegozja mieghu biex isir dak li kienu Camilleri, Zammit u Casha. Huwa tahom il-kuntratt biex jigi ffirmat ghal Erom Trading Limited. Meta talab il-firem tat-tlieta, Darren Casha biss iffirma ghax huwa kien l-uniku direttur.

Kompla jixhed illi xi zmien wara, huwa rcieva telefonata minghand Ryan Schembri u mar jiltaqa` mieghu fl-ufficju tieghu. Huwa staqsa lil Schembri x`kienet ir-raguni li nqaleb kollox ghal fuq Erom Trading Limited. Schembri nfurmah li kellu xi diffikultajiet fin-negozju tieghu fil-Kroazja. Qallu li ahjar li tkun *invoiced* More Supermarkets (Hamrun) Ltd fejn jidhlu l-hwienet More. Kellu ghalhekk isir kuntratt iehor. Dan il-ftehim iehor fil-fatt sar u kien iffirmat quddiemu minn Mario Schembri u Ryan Schembri. Dan il-

ftehim kien diga` ffirmat minn Christian Delia u Kurt Camilleri. Minhabba n-numru ta` persuni li kienu ser jiffirmaw sar addendum bi`pagna ohra. Darren Casha ffirma fuq it-tieni pagna wara li Ryan Schembri spjega lil Casha dak li kien qed isir. Fuq it-tieni pagna li kienet kontinwazzjoni tal-ewwel pagna, iffirma wkoll Adrian Agius. B`kollox iffirmaw sitt persuni. Il-firem ighoddu ghad-dokumenti a fol 5 u 6. It-tieni pagna nzammet mill-accountant Francalanza sakemm iffirma Adrian Agius. Imbaghad intbaghtet via email lis-socjeta` rikorrenti.

Sostna illi d-debitur huwa More Supermarkets (Hamrun) Limited. Spjega li fejn hemm imnizzel Hamrun, Mosta, Paceville, Fgura u Zebbug, dawn kienu l-hwienet u l-mahzen tal-klijent. Spjega li dawk li ffirmaw kienu d-diretturi kollha ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited ; Darren Casha li kien involut fl-operazzjoni ta` More. Dawn kien lkoll garanti personali. Ikkonferma li meta d-diretturi ffirmaw dawn iffirmaw fil-kapacita` personali taghhom kif jirrizulta mill-klawsola numru 10 ta` l-istess ftehim.

Kompla jghid li d-dettalji dwar More Supermarkets (Hamrun) Limited u l-hwienet taghha kif ukoll id-dettalji li qeghdin fl-ewwel nofs tal-faccata tad-dokument MS1 kienu gia` mimlijin meta kien qed jitkellem ma` Ryan Schembri u missieru. Spjega li l-kuntratti li kien hemm qabel ma` kumpanniji ohra baqghu vigenti. Ikkonferma li l-kuntratt in ezami ma hassarx il-kuntratti l-ohra li kien hemm qabel. Spjega li wara li kien iffirmat il-kuntratt in ezami, l-*invoice*s bdew johorgu lil More Supermarket (Hamrun) Limited. Sahaq illi l-ammont kollu mertu ta` din il-kawza akkumula wara li beda jopera l-ftehim in kwistjoni.

Qal illi fi ftit xhur, is-socjeta` rikorrenti kienet ikkonsenjat ammont kbir ta` prodotti lil More Supermarkets (Hamrun) Limited. Spjega li kienu jintbaghtu purchase orders ; imbaghad kienu jigu nfurmati f`liema hanut issir il-konsenja. Fejn fid-dokument a fol 74 hemm imnizzel biss Hamrun, huwa qatt ma kien rah. Huwa ma kellux x`jaqsam mad-dokument a fol 74.

Spjega li huwa kien iltaqa` ma` Darren Casha u dan kien tkellem mieghu u ma` rapprezentanti ohra tas-socjeta` rikorrenti dwar id-dejn li kellha More Supermarkets (Hamrun) Limited u kif dan kellu jithallas. Casha kien qal li ser ihallas kollox li ghandu x`jaqsam mal-More, izda wara l-istess Casha kien ammetta mieghu li *game over*. Fil-laqghat li saru, Darren Casha qatt ma stqarr li huwa ma kienx iffirma kuntratt mas-socjeta` rikorrenti. Qatt ma cahad li l-ammont huwa dovut.

Fil-**kontroezami**, xehed illi l-kawza kienet ceduta fil-konfront ta` tlieta mill-konvenuti ghaliex sar ftehim maghhom, wara li accettaw u fil-fatt kienu hallsu €100,000. Fin-negozjati relatati ma` dan il-ftehim, kien hemm Peter Wurth, Marvin Sapiano, Chris Micallef, Avr Marisa Vella u hu. Fil-laqgha li saret ma` l-azzjonisti l-godda, ma kienx prezenti Mario Schembri. Dan kien prezenti ghal-laqgha Tal-Handaq ma` Ryan Schembri ; bhala fatt kien qieghed hemmhekk u ma kienx involut. Imbaghad saret laqgha ohra ma` Ryan Schembri fejn Mario Schembri kien prezenti wkoll. Darren Casha ffirma l-ftehim in ezami peress li l-*holding company* kienet ta` Darren Casha finalment u kien lest jaghti garanzija personali tieghu. Mario Schembri ffirma l-iskrittura (Dok A) quddiemu flimkien ma` ibnu Ryan Schembri.

Ikkonferma li kien sar ftehim ma` Erom Trading Limited fi zmien meta s-socjeta` rikorrenti ma setghetx taghmel kuntatt ma` Ryan Schembri. Dwar il-kuntratt ma` kien hemm kawza ohra. Il-kreditu ta` Erom Trading Limited ma kellux x`jaqsam mal-kreditu tal-kawza tal-lum.

Qal illi fl-ewwel pagna ta` Dok A iffirmaw Ryan Schembri, Mario Schembri, Christian Delia, u Ray Camilleri, mentri fit-tieni pagna li hija kontinwazzjoni ta` l-ewwel pagna ffirmaw Darren Casha u Adrian Agius. Quddiemu ffirmaw Ryan Schembri, Mario Schembri u Darren Casha.

Sostna li l-kuntratti li kien hemm bejn is-socjeta` rikorrenti u Cassar & Schembri (Marketing) Limited u bejn is-socjeta` rikorrenti u Erom Trading Limited kienu ghadhom validi. Il-kuntratt bejn is-socjeta` rikorrenti u More Supermarkets (Hamrun) Limited kien kuntratt separat. Insista li l-parti ta` fuq ta` l-ewwel pagna ta` Dok A kienet diga` mimlija u huwa kien ha l-original mieghu. Qal illi ma jafx min kien mela dik il-parti u lanqas min kiteb x`kienu l-inkarigi ufficjali tal-firmatarji.

Kompla jghid illi kien hemm ordnijiet li kienu jigu kkonsenjati fil-mahzen tal-Marsa ; imbaghad kien isir tqassim minn hemm. Kieb hemm ukoll prodotti fejn il-konsenja taghhom kienet tkun specifika, partikolarment fir-rigward ta` oggetti tal-friza jew *chilled*. Fil-fatt fil-mahzen fil-Marsa ma kienx hemm *freezers*. Il-konsenji kienu jsiru skont l-istruzzjonijiet tal-klijent.

Kompla jixhed illi fil-bidu Cassar & Schembri (Marketing) Limited kienet tixtri minghand is-socjeta` rikorrenti ; imbaghad kienet tiddistribwixxi lill-hwienet tal-More.

Qal illi huwa jaf illi kien hemm aktar minn kumpannija wahda li kienet tibda bl-isem More Supermarkets.

Spjega li fil-laqgha li kienet issejhet minn Matthew Borg, kienu attendew diversi persuni, fosthom Dennis Francalanza li kien l-accountant ta` More Supermarkets, Carinzia Camilleri li kienet il-manager tal-hwienet, u Matthew Borg li kien wiehed mil-lifelong partners ta` Ryan Schembri. Borg qatt ma ffirma ghax qatt ma kien direttur. Fil-fatt Borg kien qallu li ser ilaqgghu ma` Ray Camilleri, Darren Casha u Adrian Zammit. Bi ftehim ma` Ryan Schembri, dawn dawn kienu sejrin jiehu l-kontroll kollu tal-More Supermarkets, u kien ghalhekk li huwa staqsa fejn kien Ryan Schembri u ghalfejn ma kienx prezenti ghal-laqgha.

In segwitu saret *credit application form* ma` Erom Trading Limited billi kien infurmat illi Erom Trading Limited kienet ser tibda tixtri minghand is-socjeta` rikorrenti u tforni lil More Supermarkets. Wara li kien iffirmat il-ftehim ma` Erom Trading Limited, rega` tfacca Ryan Schembri.

Mistoqsi ghalfejn wara li kien diga` sehh il-ftehim ma` Erom Trading Limited rega` accetta li jiltaqa` ma` Ryan Schembri, huwa spjega li kien mar biex jara kif ser jigbor il-flus dovuti lis-socjeta` rikorrenti minn Cassar & Schembri (Marketing) Limited.

Insista li l-firmatarji lkoll iffirmaw personalment.

Meta s-socjeta` rikorrenti accettat li jsir il-ftehim ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited talbet li jiffirma Darren Casha wkoll peress li dan kien jidher bhala wiehed mill-proprjetarji. Fil-fatt Casha kien direttur tal-holding company. Ma kienx hu li kiteb x`kienet id-designation ta` Darren Casha fil-parti fejn iffirma l-ftehim. Sostna li huwa ma spjega xejn lil Darren Casha fis-sens li l-affarijiet kienu ser jergghu jinqalbu minn Erom Trading Limited ghal fuq More Supermarkets (Hamrun) Limited, u dan billi kellu jispjegalu kollox l-partner tieghu Ryan Schembri.

Qal illi l-kuntratti ta` qabel baqghu vigenti peress li ghad baqa` bilanci x`jithallsu lis-socjeta` rikorrenti ; fl-istess waqt bdiet relazzjoni gdida ghaliex l-ordnijiet ghal konsenji ta` xoghol bdew jittiehdu minghand More Supermarkets (Hamrun) Limited u mhux aktar minn Erom Trading Limited.

Qal illi l-ftehim bil-firem kollha ntbaghat minn Francalanza lil Chris Micallef fil-25 ta` Lulju 2014. Dik kellha tkun il-cut off date. Huwa impossibbli li kollox jinqaleb kollox f`daqqa tenut kont ta` ordnijiet li ghamlet Erom Trading Limited qabel il-cut-off date. Ghalhekk kien hemm *overlap* fis-sens li ghal xi jumejn jew tlieta kien hemm *invoice*s li baqghu jinhargu lil Erom Trading Limited propju ghaliex l-ordniijiet kienu diga` saru.

**Il-konvenut Mario Schembri** xehed illi huwa qatt ma kien impjegat ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited. Li ghamel hu kien biss illi bona grazzja tieghu u bla ebda obbligazzjoni. Kien jaghti daqqa t`id fl-organizzazzjoni tal-imhazen u kien jiehu hsieb it-tiswija tal-ingenji. Ghamel xi zmien imur jigbor it-total sales tal-gurnata mis-supermarkets.

Spjega li huwa sar direttur ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited b`ingann li garrab minn Alex Polidano.

Sostna li Polidano kien talbu jaghmillu pjacir u joqghod direttur ta` wahda mill-kumpanniji tieghu Panelix Ltd ghax kellu bzonn jiehu xi self mill-bank urgenti. Qal illi kellu jkun ghal xahar jew xahrejn biss sakemm tinhareg is-sanction letter. Sostna li huwa kien mar ghand Patrick Camilleri li kien l-awditur tal-More u tal-kumpanniji ta` Alex Polidano u ffirma xi karti. Huwa ffirma bl-idea li kienu kollha ta` Panelix Limited.

Sostna li huwa sar jaf b`kumbinazzjoni li kien direttur ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited minghand Darren Casha. Dan kien talbu jiffirma formola tal-Enemalta biex jibdew jithallsu l-kontijiet izda huwa rrifjuta u qallu li hu ma setax ghax ma kienx direttur. Casha qallu biex jivverifika mal-MFSA. Tkellem ma` ibnu Ryan Schembri u talbu biex jirrizenja minn direttur izda t-tifel qallu biex ihalli kollox kif inhu temporanjament. Dak iz-zmien is-supermarket kien ghaddej mill-process li jinbiegh. U n-negozju kien sejjer tajjeb hafna.

Xehed li meta hu u ibnu iffaccjaw lil Alex Polidano, dan ghamel ta` bir-ruhu li ma jaf b`xejn. Inqala` argument u waqt dan l-argument, Polidano kkontradixxa lilu nnifsu billi qallu li meta ried, kien imur mieghu l-MFSA biex jikkancellaw l-applikazzjoni. Ghal din il-laqgha kienu prezenti Michael Azzopardi u Alex Farrugia. Meta avvicina kellem lil Patrick Camilleri, dan cahad li dak li sehh kien tort tieghu.

Ikkonferma li f`Lulju 2014, huwa ffirma *credit application form* quddiem Ivan Azzopardi li huwa rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti. Qal illi ma kienx jaf li kien qieghed jiffirma bhala garanti. Kien taht l-impressjoni li qed jiffirma ghall-ordni biss.

**Il-konvenut Darren Casha** xehed illi huwa direttur ta` More Supermarkets (Hamrun) Ltd, More Supermarkets (Fgura) Ltd, More Supermarkets (P`Ville) Ltd, More Supermarkets (Mosta) Ltd u D More Holdings Ltd.

Spjega li fi zmien meta kien qed jiehu over il-More Supermarkets minghand Ryan Schembri, ossia bejn Mejju u Lulju 2014 huwa ma kienx ghadu direttur ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited ; sar direttur taghha Novembru 2014, ossija ftit qabel bdiet din il-kawza.

Ighid illi fis-7 ta` Mejju 2014, D More Holdings Limited xtrat l-ishma fil-kumpanniji More Supermarkets minghand Cassar & Schembri (Marketing) Ltd. Dakinhar huwa sar direttur fil-kumpanniji kollha More hlief ghal More Hamrun. Ghamel hekk ghaliex kellu f`mohhu li joqghod jitghallem mid-diretturi li kienu diga` qed imexxu More Hamrun. Dak iz-zmien, id-diretturi ta` More Hamrun kienu Ryan Schembri, Mario Schembri, Chris Delia, Kurt Camilleri u Adrian Agius.

Kompla jixhed illi fi zmien ta` bejn Gunju u Lulju 2014, huwa ma kienx direttur u lanqas azzjonist ta` More Supermarkets (Hamrun) Ltd. L-azzjonista dak iz-zmien kienet il-kumpannija tieghu D More Holdings Limited. Qabel is-7 ta` Mejju 2014, l-azzjonista principali ta` l-More Supermarkets kienet Cassar & Schembri (Marketing) Ltd li d-direttur taghha kien Ryan Schembri. Meta D More Holdings Ltd akkwistat l-ishma li kellha fil-kumpanniji More Supermarkets, Ryan Schembri inqala` mill-katina tal-More Supermarkets. Baqa` biss direttur ma` ohrajn fil-More Hamrun.

Sostna li Ryan Schembri kien ippropona lilu illi jmexxi s-supermarkets bil-mudell li holoq hu ossija li jkun hemm kumpannija li takkwista l-prodotti u tiddistribwihom lill-hwienet, li diga` kienu gestiti minn kumpanniji mahluqa apposta ghal kull hanut. Ghal kull hanut, kien hemm kumpannija. Il-prodotti kienu jinxtraw minn Cassar & Schembri (Marketing) Ltd u

tiddistribwihom hi fil-hwienet. Kien ghalhekk illi saret Erom Trading Limited sabiex ix-xoghol jitmexxa fuq l-istess mudell.

Ikkonferma li huwa kien prezenti ghal-laqgha mas-socjeta` rikorrenti flimkien ma` Raymond Camilleri, Adrian Zammit, Matthew Borg, u Dennis Francalanza. Sostna li hu u shabu gew introdotti bhala r-rapprezentanti tal-kumpannija li xtrat l-ishma tal-More Supermarkets u l-ghan kien li tigi stabbilita relazzjoni gdida ma` l-Alf Mizzi Group. Ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici baqghu jistaqsu dwar Ryan Schembri u huwa qalilhom li dan inqala` mix-xena. Ray Camilleri kien insista li huma riedu jistabilixxu relazzjoni maghhom ghall-bejgh ta` prodotti permezz ta` Erom Trading Limited. Ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici kienu nfurmawh li riedet tigi ffirmata skrittura li kellha tigi ffirmata mit-tlieta li huma, izda hu kien insista li jiffirmaha wahdu peress li hu biss kien direttur ta` Erom Trading Limited.

Qal li xi granet wara, is-socjeta` rikorrenti ghaddiet *credit application form* li biha min ried jixtri kien jitlob *credit terms* fis-sens ta` zmien sakemm il-hlas ghal prodotti mibjugh ikun dovut minghand is-supplier. Erom Trading Ltd kien ser ikollha zmien disghin jum bhala *credit terms.* Huwa ffirma din il-formula ghal Erom Trading Limited f`Gunju 2014. Sostna li qatt ma kien imfisser lilu - la qabel u lanqas wara - li kien qed jiffirma wkoll garanzija personali.

Stqarr illi wara li t-talba ta` Erom Trading Limited kienet accettat mis-socjeta` attrici, bdew jinxtraw il-prodotti biex imbaghad jinbieghu mill-hwienet ta` More Supermarkets. Qal illi wara xahar, Ryan Schembri cempillu u qallu li s-socjeta` rikorrenti ma riditx tkompli tahdem ma` Erom Trading Limited ghax is-*share capital* taghha kien zghir u ma kinux qed jafdaw, mentri ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited is-*shatre capital* kien ikbar u xtaqu li jkomplu jahdmu biha. Dan sehh f`Lulju 2014. Dak iz-zmien huwa kien jafda lil Ryan Schembri.

Spjega li saret laqgha ma` zewg rapprezentanti tas-socjeta` rikorrenti. Kien hemm ukoll Ryan Schembri u Mario Schembri. Rega` nghata *credit application form* fejn kien hemm indikata More Supermarkets izda ghall-kienet vojta. Huwa staqsa lil Ryan Schembri x`kien dak id-dokument, u dak wiegeb illi dak id-dokument kien sar sabiex il-bejgh isir permezz ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited minflok Erom Trading Limited. Peress illi hadd tkellem, huwa ha dak li ntqal bhala fatt. Ma kienx infurmat li kien ser

jiffirma ghal xi garanzija personali. Spjega li jekk is-socjeta` rikorrenti kellhom bzonn il-firma tad-diretturi, huwa ma kienx direttur u azzjonista dak iz-zmien ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited. Inghad ukoll illi l-karta li ffirma kellha tigi ffirmata minn Adrian Agius ukoll. Huwa fehem li n-negozju ma` Erom Trading Limited kien waqaf u x-xoghol kien se jinxtara minn More Supermarkets (Hamrun) Ltd. Huwa ffirma biss fejn qalulu u li apparti l-firma tieghu, ma kien hemm xejn iktar.

Kompla jixhed illi fl-20 ta` Settembru 2014 Ryan Schembri harab minn Malta. Minn hemm bdew il-problemi fl-operat ta` l-More Supermarkets. Bdew iqumu hafna kredituri lib dew jinsistu li ghandhom jithallsu minghand More Supermarkets. Imbaghad inqalghet il-problema ta` l-Enemalta. Il-kredituri qabadhom paniku fosthom is-socjeta` rikorrenti. F`Novembru/Dicembru 2014, kienu avvicinati minn xi nies ta` l-Alf Mizzi Group ghall-hlas izda huwa kien spjegalhom is-sitwazzjoni u talab zmien biex igib fuq saqajhom il-hwienet l-ohra. Fil-Milied 2014 huwa telaq minn Malta ghal perijodu twil biex jipprova johloq negozju halli jkun jista` jhallas id-djun ta` More u ta` Erom. Gie lura Malta fil-bidu tal-2016 fejn kien mgharraf bil-kawza tal-lum.

Stqarr illi ghalkemm kienu saru l-karti biex il-bejgh ma jkomplix isir lil Erom Trading Limited wara Lulju 2014, xorta jidher li hargu *invoice*s fuq Erom Trading Limited. It-talba ghal sale by credit ta` More Supermarkets (Hamrun) Ltd kienet accettata fit-23 ta` Lulju 2014 izda jidher li Alf Mizzi Group ghamel invoice lil Erom Trading Limited fl-ammont ta` EUR 68,934.23 wara t-23 ta` Lulju 2014, fatt illi ma kienx spjegat. Fisser illi ma jistax ikun li Alf Mizzi Group taghmel invoicing lil zewg socjetajiet ghall-bejgh ta` prodotti li sar fl-istess hwienet. Ghalih dak tahwid min-naha ta` Alf Mizzi Group. Is-salesmen kienu l-istess fiz-zewg kazijiet. Kellha ssir verifika ta` kienx hemm overlap fl-ammonti pretizi.

Stqarr illi huwa kien ittradut minn Alf Mizzi Group u Ryan Schembri. Qal li Ryan Schembri ma setax imur minn wara dahru jitkellem ma` Alf Mizzi Group meta huwa ma kienx baqa` direttur tal-kumpanniji l-ohra More hlief ghal More Hamrun. Schembri tah stampa differenti minn dik tas-socjeta` rikorrenti fis-sens li qallu li kienet is-socjeta` attrici li kienet insistiet li n-negozju jkun tramite More Supermarkets (Hamrun) Limited ghax ma kenitx kuntenta bis-share capital ta` Erom Trading Limited. Mis-socjeta` rikorrenti, ighid illi ltaqghu minn wara dahru meta kienu jafu b`dokumenti f`idejhom li hu u shabu Raymond Camilleri u Adrian Zammit kienu r-rapprezentanti tal-kumpannija li kienet akkwistat More Supermarkets.

Sostna li Ryan Schembri ma seta` qatt wara s-7 ta` Mejju 2014 jaghmel rapprezentazzjonijiet ma` haddiehor ghan-nom tal-kumpanniji More hlief ghal More Hamrun.

Sostna li garrab ingann dwar il-kwistjoni ta` garanzija personali. Insista li huwa qatt ma ftiehem ma` hadd li kien ser jaghti xi garanzija personali. Sostna li qatt ma dahal f`ebda kuntatt li bih accetta li jaghti garanzija personali tieghu. Sostna li hadd ma fehmu li kien ser jaghti xi garanzija personali. Lanqas hadd fehmu jew spjegalu l-kontenut tal-*credit application form.*

Kompla jghid li More Supermarket (Hamrun) Limited qatt ma rceviet xi korrispondenza fis-sens li kien hemm xi passagg ta` drittijiet bejn kumpannija u ohra fl-Alf Mizzi Group.

Fil-**kontroezami**, ikkonferma illi fil-laqgha ta` Gunju 2014, kien hemm prezenti Raymond Camilleri, Adrian Zammit, Matthew Borg, Carinzia Camilleri u Dennis Francalanza. Meta ltaqghu mar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici, dawn infurmawhom li biex in-negozju jipprocedi, kellhom jigu ffirmati xi karti. Huwa ffirma ghal Erom Trading Limited. Kollox kien jithallas bhala *pre payment*, fis-sens li qabel ma jigi x-xoghol, ikun diga` *pre paid*, imma l-flus li kienu jhallsu kienu jmorru go kont iehor ta` Cassar & Schembri (Marketing) Limited. Il-ftehim tad-disghin jum kien ifisser illi l-hlas isir bin-nifs. Fil-fatt kien qed jithallas dejn li kien ta` Cassar & Schembri (Marketing) Limited. Huwa kkonferma li fil-ftehim li sar ma` Erom Trading Limited, kienet qed tinghata garanzija personali wkoll. Ikkonferma li skont l-istess ftehim, il-kreditur seta` kien is-socjeta` rikorrenti jew Derfla Limited.

Qal illi meta ffirma d-dokument ghal Erom Trading Limited, huwa ma dahalx f`hafna dettal u halla f`idejn Dennis Francalanza. Ikkonferma li huwa jaf jikteb u jaqra, u li huwa negozjant.

Stqarr illi mhuwiex cert jekk id-dokument li ffirma fil-laqgha ta` Lulju 2014 kienx preciz bhad-dokument li ffirma ghal Erom Trading Limited. Ikkonferma li l-firma fid-Dok A a fol 5 u 6 tal-process hija l-firma tieghu. Skont dak il-ftehim, in-negozju mas-socjeta` rikorrenti kien ser jibda jsir minn More Supermarkets (Hamrun) Limited. Huwa ma rrealizzax li dak kien l-istess dokument li kien iffirma dwar Erom Trading Limited.

Ikkonferma li fil-ftehim Dok A hemm inkluza l-istess klawsola numru 10 dwar garanzija personali. Sostna li huwa kien qghad biss fuq dak li qalulu Francalanza u Schembri. Kien hemm fattur qawwi ta` *trust.* Baqa` jinsisti li wara li nfetah il-kont il-gdid, huwa dejjem hallas ix-xoghol qabel il-konsenja. Qal illi fl-akkwist tan-negozju More, huwa assistit minn accountant u avukat, izda sostna li meta kien qed isir il-process tad-due diligence Ryan Schembri ngannah. Huwa hallas lil Ryan Schembri dak li ftehmu.

Spjega li wara li Ryan Schembri telaq minn Malta, kien iltaqa` mar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici, u nfurmahom illi kien ser jipprova jaghlaq xi hwienet biex izomm ohrajn joperaw. Qatt ma kien hemm bzonn ta` *repayment programme* peress li l-hlasijiet dejjem saru. Sostna li s-socjeta` attrici ma halliethomx triq ohra ghajr li l-hlasijiet li kienu qed jaghmlu kienu qed joqtlu dejn li kellu Ryan Schembri ghal Cassar & Schembri Marketing Limited, filwaqt li d-dejn ta` l-akkwisti fuq Erom Trading Limited u More Supermarkets (Hamrun) Limited bdew jakkumulaw ghax ma bdewx jithallsu. Stqarr illi hekk kien il-ftehim ghax is-socjeta` rikorrenti kienet ghamlitha cara maghhom li jekk ma jsirx hekk, ma tkomplix tfornihom bix-xoghol. Fisser li s-socjeta` rikorrenti ghandha monopolju tas-suq u ghalhekk kienu jispiccaw jaghlqu s-supermarkets li kieku ma accettawx.

## III. <u>Fatti</u>

Is-socjeta` attrici qeghda titlob il-hlas ta` merkanzija kkonsenjata lis-socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Limited.

Jirrizulta illi fl-2007 kien sar ftehim sabiex is-socjeta` rikorrenti tforni merkanzija lil Cassar & Schembri (Marketing) Limited, li mbaghad kienet titqassam fil-More Supermarkets imxerrdin f` diversi postijiet Malta. Is-socjeta` attrici kienet tittratta ma` Ryan Schembri.

Jirrizulta li fl-2014 bdiet tigri x-xniegha li n-negozju ta` Ryan Schembri kellu l-problemi, tant li f` April/Mejju 2014 kien anke ma ssarrafx cheque li kien hareg favur is-socjeta` attrici. Ryan Schembri ma setax jigi kontattat u s-socjeta` attrici kienet mhassbaa li ser ikollha problemi biex tithallas dak dovut lilha minn Cassar & Schembri (Marketing) Limited.

Jirrizulta li Gunju 2014, issejhet laqgha minn Matthew Borg li ghaliha kienu prezenti rapprezentanti tas-socjeta` attrici u persuni godda li kienu ser jiehdu l-kontroll tan-negozju tal-More Supermarket. Fost ohrajn kienu prezenti Ray Camilleri, Adrian Zammit u Darren Casha li kienu l-persuni li kienu ser jiehdu n-negozju. Fil-laqgha, ir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici insistew li jitkellemu ma` Ryan Schembri halli jigi kkonfermat dak kollu li kien qed jintqal lilhom. Fl-istess waqt kien hemm insistenza li s-socjeta` rikorrenti kellha tibda tittratta ma` Erom Trading Limited li kienet ser tiehu post Cassar & Schembri (Marketing) Limited.

Jirrizulta illi dan kollu wassal sabiex jigi ffirmat dokument imsejjah *credit application form* li bis-sahha tieghu, kellu jinfetah kont gdid fl-isem ta` Erom Trading Limited. Skont il-ftehim, il-pagamenti li jsiru kellhom jibdew billi l-ewwel jinqatghu d-djun li kellha Cassar & Schembri (Marketing) Limited mas-socjeta` attrici. Gara illi beda jakkumula dejn gdid a kariku ta` Erom Trading Limited ghaliex il-prodotti li din kienet qeghda tixtri fir-realta` ma kienux qeghdin jithallsu minn Erom.

Jirrizulta illi in segwitu rega` tfacca Ryan Schembri. Inghataw zewg verzjonijiet differenti dwar x`sehh ; is-socjeta` attrici tghid illi kien Ryan Schembri li kkomunika maghha u li kien hu li ppropona li jsir arrangement ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited peress li din kellha *paid up share capital* ikbar minn Erom Trading Limited ; waqt illi Darren Casha jghid illi Ryan Schembri kien qallu li kienet is-socjeta` rikorrenti li harget bir-rikjesta li jsir ftehim ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited. Kien x`kien it-tassew, il-fatt huwa li effettivament kienet iffirmata skrittura bhal dik iffirmata ma` Erom Trading Limited, izda din id-darba ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited.

Jirrizulta li l-ftehim kien iffirmat minn uhud fit-23 ta` Lulju 2014 u aktar tard minn Adrian Zammit. Imbaghad wara li l-ftehim kien iffirmat minn kull persuna li kien rikjest li tiffirma, infetah kont gdid u l-merkanzija bdiet tigi supplita lil More Supermarkets (Hamrun) Limited sabiex imbaghad tmur fil-hwienet l-ohra More. In-negozju baqa` ghaddej sa Ottubru 2014.

Jirrizulta illi Ryan Schembri telaq minn Malta habta u sabta. Jirrizulta illi s-socjeta` rikorrenti ltaqghet ma` Darren Casha li kien ta struzzjonijiet li l-merkanzija terga` tibda tigi pprovduta lil Erom Trading Limited minflok lil More Supermarkets (Hamrun) Limited. Stante li l-ftehim ma` Erom Trading Limited kien ghadu vigenti, ghaliex Erom kien fadlilha

bilanci xi thallas lis-socjeta` attrici, ma kienx necessarju li jsir ftehim gdid. B`hekk is-socjeta` rikorrenti baqghet tforni lil Erom Trading Limited sakemm twaqqaf l-operat tas-Supermarkets More.

Jirrizulta illi meta s-socjeta` rikorrenti kienet infurmata minn Darren Casha waqt laqgha li saret Novembru 2014 illi kollox kien mitluf, is-socjeta` rikorrenti pprezentat ittra ufficjali bin-numru 1495/2014 (fol 965).

Imbaghad saret il-kawza tal-lum.

Saret ukoll kawza ohra fejn is-socjeta` rikorrenti talbet il-kanonizzazzjoni ta` krediti taghha kontra Erom Trading Limited.

It-talba originali fil-kawza tal-lum kienet ghall-ammont ta` EUR 350,625.25c .

Fil-mori ta` din il-kawza, sar ftehim barra l-Qorti mal-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u Adrian Agius fejn dawn flimkien hallsu €100,000. Il-konsegwenza kienet illi l-kawza kienet ceduta kontra dawn it-tlieta u kompliet kontra l-bqija tal-konvenuti ghall-ammont ta` EUR 250,625.25c.

## IV. <u>L-eccezzjoni tal-karenza ta` interess guridiku</u>

**Din l-eccezzjoni nghatat mill-konvenuti : Mario Schembri, More Supermarkets (Hamrun) Limited u Darren Casha.**

L-argument idur fuq il-*credit application form*, ghaliex skont dawn il-konvenuti ma kienx car jekk min ipprovda s-servizz kienx is-socjeta` attrici jew socjeta` ohra bl-isem Derfla Limited li taghmel ukoll parti mill-Alf Mizzi Group u li tissemma wkoll fil-*credit application form.*

Tajjeb jigi riaffermat anke minn din il-Qorti l-principju tad-dritt illi l-bazi ta` kull azzjoni civili li minnha ghandu jiddipartixxi kull dibattiment huwa l-interess guridiku tal-partijiet. Dan huwa l-"*point d`interet, point d`action*" li jinhtieg li jkollhom il-partijiet.

Normalment it-talba ta` l-attur titwieled mill-vjolazzjoni attwali jew allegata tad-drittijiet tieghu u ghalhekk l-iskop ta` kull kawza huwa sabiex l-attur jerga` jitqieghed fl-ezercizzju jew tgawdija shiha tal-jeddijiet tieghu.

Il-funzjoni u l-oneru tal-gudikant huwa dak li jiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici u jaccerta ruhu mid-drittijiet ta` l-attur sabiex jasal biex jiddetermina jekk tezistix xi vjolazzjoni ta` xi jedd, kif ukoll jekk ghandhiex issehh it-tnehhija ta` tali vjolazzjoni. Dan huwa l-interess fundamentali li jrid ikollu kull min jippromwovi azzjoni :

> *"Il primo e precipuo interesse [ta` l-attur] e` di ottenere dal tribunale, come rizultato dell` azione promossa il riconoscimento e l`affermazione del diritto che ne` ha formato il sostrato e ne costituisce anche l`oggetto, e che si allega essere stato leso."* (**Micallef Goggi vs. Armando Mifsud** [Vol. XXVII.I.507]).

L-interess guridiku isehh fl-utilita` finali li l-kawza jkollha ghall-attur, *"liema utilita` finali ta` l-azzjoni tirrisjedi appuntu fil-propositu li jitnehha l-istat ta` vjolazzjoni tad-dritt almenu opinata u affermata mill-attur."* (Vol. XXXVIII.I.300)

Ghaliex ikun hemm interess guridiku, kawza tkun tista` twassal ghal vantagg ghal min jipproponiha (**George Laferla et vs Joseph Lauri et** – Prim`Awla tat-2 ta` Mejju 2002 konfermata mill-Qorti ta` l-Appell fl-10 ta` Mejju 2005).

Il-Qorti trid tkun konvinta li l-attur ikollu l-iskop li jirkupra l-oggett jew beneficcju ta` xi jedd moghti lilu bil-ligi, u li jkun gie vjolat : *"Per istituire un giudizio non basta che un fatto d`altri pregudichi i nostri interessi, ma occorre che questo fatto ci arrechi un danno giuridico."* (Mattirolo : **Diritto Giudiziario** : Vol I par 56)

Fid-decizjoni ta` din il-Qorti tad-19 ta` Mejju 1958 fil-kawza **Angelo Spiteri vs Giuseppe Zammit et** kien spjegat b`liema mod il-Qorti ghandha tqis l-interess tal-attur :

> *"Dan l-interess irid ikun jezisti fil-mument li tkun spjegata l-azzjoni. L-attur irid juri illi ghal esercizzju tad-dritt tieghu huwa ghandu attwalment bzonn li jinvoka l-protezzjoni tal-Qorti. Irid juri li mill-kawza jirritraji utilita` "rikonoxxuta mill-ligi." "L`utilita` che dal gudizio si spera di trarre deve essere riconosciuta dal diritto obiettivo come base sufficiente per intentare l`azione". (Dizionario Pratico del diritto privato, Scaloja, Interesse in Giudizio)" ("**Bartoli vs. Zammit Tabone**" Vol. XLV-1-58). "F`dan ir-rigward huwa ormaj pacifiku anki fil-gurisprudenza taghna, illi l-interess huwa l-misura mhux biss tal-azzjoni, imma anki ta` l-eccezzjoni (Kollezz XXIV-11-627); jigifieri, dan l-interess ghandu jinstab tant f`min jipproponi domanda gudizzjarja, kemm f`min jigi mharrek biex jikkontradiciha ...*
>
> *Dan l-interess ghandu jkollu diversi rekwisiti fost hwejjeg ohra ghandu jkun legittimu, jigifieri ghandu jkun konformi mad-dritt u jekk dan ikun biss interess u mhux anki dritt, l-azzjoni ma tregix (kollezz. XXXVII-III-889) u ghandu jkun ukoll ezistenti fil-konfront tal-konvenut maghzul bhala kontradittur legittimu fil-kawza." (Kollezz XXIV-II-627 u XXXVII-II-889)"*

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-28 ta` Novembru 2003 fil-kawza **Agatha Formosa Gauci vs Dr Francis Lanfranco** nghad illi : *"l-interess guridiku fl-attur huwa dak li l-imharrek jirrifjuta li jaghraf il-jedd ta` l-istess attur u dan billi kull persuna ghanda d-dritt titlob li, fil-konfront taghha, jsir haqq jew tigi msewwija ingustizzja li tkun giet maghmula kontriha."*

Anke fil-kaz tal-lum, is-socjeta` attrici ghandha tipprova l-interess rikjest mil-ligi.

Minn esami tad-dokument esebit a fol 5 u 6 tal-process, jidher li fil-parti ta` fuq ta` l-istess dokument hemm imnizzel "ALF. MIZZI & SONS (MARKETING) GROUP." Fil-klawsola numru 1, il-frazi *"the company"* hija definita bhala "*Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd and/or Derfla Ltd.*"

Minn esami tal-*invoice*s li hargu fir-rigward tas-socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Limited, irrizulta li nhargu minn Derfla Limited izda fuq l-istess *invoice*s, kien espressament indikat illi l-hlas kellu jsir lis-

socjeta` rikorrenti : "*Payments are to be made payable to Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd…*").

Il-Qorti hadet konjizzjoni wkoll ta` l-ittra ufficjali bin-nru 4195/2014 fejn id-debituri gew mgharrfa li kienet is-socjeta` rikorrenti li kienet qed tesigi l-hlas tal-kreditu dovut.

Ir-relazzjoni bejn Derfla Limited u Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited kienet spjegata mir-rapprezentanti tas-socjeta` attrici li xehdu li t-tnejn huma *sister companies* u li kien hemm ftehim intern li l-*invoice*s jinhargu minn Derfla Limited izda l-pagamenti jsiru lil Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited.

Is-socjeta` attrici tinsisti li jidher ben evidenti li Derfla Limited u Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited kienu kredituri ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited u ghamlet referenza ghad-disposizzjoni applikabbli ghall-obbligazzjoni *in solidum* in kwantu ghall-kredituri.

Id-disposizzjonijiet rilevanti huma l-Art 1090 sa 1093 tal-Kap 16.

**L-Art 1090 tal-Kap 16** ighid :-

*L-obbligazzjoni hija in solidum favur zewg kredituri jew izjed meta hija taghti espressament lil kull wiehed minn dawn il-kredituri l-jedd li jitlob il-hlas tal-kreditu kollu, u l-hlas maghmul lil wiehed minnhom jehles lid-debitur, ukoll jekk il-beneficcju tal-obbligazzjoni jkun jista` jinqasam bejn il-kredituri kollha.*

**L-Art 1091 tal-Kap 16** ighid :-

*Id-debitur jista` jaghzel li jhallas `il-wiehed jew `l-iehor mill-kredituri in solidum, meta qabel ma jkunx gie mwissi minn wiehed minn dawk il-kredituri b`talba gudizzjarja jew b`att iehor tal-qorti.*

**L-Art 1092 tal-Kap 16** jaqra :-

*(1) Kull att li jikser il-preskrizzjoni ghal wiehed mill-kredituri in solidum, jiswa xorta wahda ghall-kredituri l-ohra.*

*(2) ls-sospensjoni tal-preskrizzjoni favur ta` wiehed mill-kredituri in solidum, ma tiswiex ghall-ohrajn.*

**L-Art 1093 tal-Kap 16** jaqra :-

*Jekk wiehed mill-kredituri in solidum jahfer id-dejn, id-debitur jigi mehlus biss mis-sehem ta` dak il-kreditur.*

Is-socjeta` attrici tghid illi hija kreditur u lilha kellu jsir il-hlas. Ghalhekk hija ghandha l-interess rikjest mil-ligi sabiex tippromwovi l-azzjoni.

Il-Qorti tirreferi ghad-decizjoni taghha diversament ippreseduta moghtija fit-13 ta` Frar 2012 fil-kawza **Rita Calleja vs Mark Micallef** fejn inghad :-

*"Hu risaput illi s-solidarjeta mhix prezunta …. Il-ligi ma taghmel ebda divjet li kreditur minn bosta jitlob is-sehem spettanti illi sakemm dan ikun kreditu divizibbli u komuni ghall-istess kreditu tant hu hekk illi l-artikolu 1093 tal-Kap. 16 ighid li jekk wiehed mill-kredituri in solidum jahfer id-debitu, din il-mahfra tkun operativa biss favur il-kreditur li ghamel il-mahfra u mhux l-ohrajn."*

Il-Qorti tqis illi s-socjeta` rikorrenti ghandha l-interess rikjest mil-ligi biex tistitwixxi l-azzjoni kontra l-intimati. Huwa minnu li l-*invoice*s inhargu minn Derfla Limited izda fuq kull *invoice* nghad illi l-pagament kellu jinhareg fl-isem tas-socjeta` rikorrenti.

Issir tiehu spunt mis-sentenza li tat il-Qorti tal-Kummerc fis-27 ta` April 1992 fil-kawza **Frank Cilia noe vs Charles Scicluna** fejn inghad :-

*"Meta l-konvenut induna li d-dokumenti mibghuta mis-socjetà attrici (invoices, statements, ittri) ma kienux qeghdin jindikaw lil*

*min, skond hu, kien verament obbligat, ghaliex ma ssenjalax dan il-fatt mill-ewwel lis-socjetà attrici biex il-patti jkunu kjari mill-bidu nett? Ghaliex stenna li ssir din il-kawza biex zeffen fin-nofs lis-socjetà tieghu, li issa jiddikjara li ma ghandhiex fondi?"*

Fuq l-istess linja, din il-Qorti tistaqsi ghaliex kien biss meta saret din il-kawza illi l-intimati bdew ighidu li ma kinux jafu jekk il-kreditrici kinitx is-socjeta` rikorrenti jew Derfla Limited ? Il-Qorti tqis illi kienu ntbaghtu bosta *invoice*s li kienu jindikaw li l-merkanzija kienet qeghda tigi supplita minn Derfla Limited izda l-hlas kellu jsir lis-socjeta` rikorrenti. Barra minn hekk, kienu wkoll interpellati biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti pendenzi li kien hemm ma` Cassar & Schembri (Marketing) Limited.

L-intimati jaghmlu l-argument illi dak li sar kienet cessjoni ta` kreditu minn Derfla Limited lis-socjeta` attrici, liema cessjoni qatt ma kienet notifikata lid-debituri. Skont il-konvenuti dan iwassal ghall-konsegwenza li s-socjeta` rikorrenti ma ghandhiex interess guridiku tippromwovi l-azzjoni. Da parti taghha, is-socjeta` rikorrenti tghid illi, minghajr pregudizzju ghall-pozizzjoni taghha li s-socjeta` rikorrenti hija ko-kreditrici ma` Derfla Limited ghall-ammont pretiz fil-kawza, ma kienx minnu li ma saritx notifika lid-debitur. Is-socjeta` rikorrenti tirreferi ghall-ittra ufficjali bin-nru 4195/2014 u tissottometi li dak l-att kien bizzejjed ghall-fini ta` notifika lid-debituri. Irriteniet ukoll illi anke li kieku tali ittra ufficjali ma tkunx meqjusa bhala notifika sufficjenti, in-nuqqas ta` notifika semmai ggib biss il-konsegwenzi ndikati fl-Art 1472 tal-kap 16 u cioe` jekk id-debitur ikun hallas lil Defla Limited, ic-cessjonarju ma jkunx jista` jippretendi l-hlas. Fil-kaz tal-lum, ma kienx prova ta` hlas lil Derfla Limited.

**L-Art 1471 tal-Kap 16** ighid illi c-cessjonarju ma jistax fir-rigward ta` terzi jezercita l-jeddijiet ceduti lilu, hlief wara li c-cessjoni tkun giet mgharrfa lid-debitur b`att gudizzjarju mic-cessjonarju nnifsu jew mic-cedent.

Fis-sentenza ta` din il-Qorti tat-3 ta` Mejju 1948 fil-kawza **Emmanuele Vella vs Dr Pietro Paolo Galea et** inghad hekk :-

*"Illi l-kwistjonijiet li ghandhom ikunu ezaminati minn din il-Qorti huma: (1) jekk ghall-fini tad-disposizzjoni ta` l-artikolu 1552 (art 1471) tal-Kodici Civili, taht il-kelma "terzi" huwiex kompriz anke id-debitur; (2) u jekk ic-citazzjoni prezenti kontra il-konvenuti hijiex denunzja sufficjenti ghall-iskop ta` dak l-artikolu. Fuq l-*

*ewwel kwistjoni din il-Qorti taqbel illi d-dizzjoni "terzi" hemm kompriz id-debitur. Infatti jekk id-debitur, illi ma jkunx ghadu notigikat bid-denunzja tac-Cessjoni, in bwona fede jhallas lic-cedent, di ftonte ghalih dak il-pagament ikun validu ghalkemm fil-mument tal-versament tal-flus it-titolar tal-kreditu ma kienx ic-cedent, izda c-cessjonarju. Dan il-principju, barra milli hu accettat mid-dottrina, huwa anki konfermat mill-gurisprudenza prevalenti lokali, kif jidher, fost sentenzi ohra, mis-sentenza tal-**Prim` Awla tal-Qorti Civili in re Mifsud Grech vs Sammut et, fit-28 ta` Otturbu 1881 (Kollez Vol IX pagina 545)** , kif ukoll mis-sentenza ta` l-sitess Qorti in re **Tabone utrinque tat-3 ta` Jannar 1898 (Kollez Vol XVI-II-164)**. Illi fuq it-tieni kwistjoni jinghad li c-citazzjoni tista` sservi anki ta` notifika tad-denunzja tac-Cessjoni. Kif inghad fis-sentenza a **Vol IX pag 545** "…Ed e` quindi da ritenere che l` esercizio dell` azione contro il debitore sia sufficiente notifica giudiziale, salva sempre l`impugnazione che fosse giustificata da diritti in buona fede acquistati dal debitore prima della notifica."U l-istess sentenza izjed `il quddiem irriteniet ukoll: "scrittori ne ricordano piu decisioni, e Pacifici Mazzoni riferisce che la Cassazione di Roma osservo` che quando il debitore ceduto, senza aver pagato al cedente, od essersi in altro modo liberato dalla obbligazione, e` citato in giudizio dal cessionario per il pagamento del debito, potra` bensi chieder che gli si faccia conoscere come, quando, e con quali condizioni abbia il cessionario conseguito la cession, al fine di accertarsise legittima sia la pretesa, ma sarebbe assurdo che pretendesse la denunzia della cession come conizione dell` esercizio del diritto del cessionario."* (Ara wkoll **Victor Licare noe et vs Joseph Caruana,** Appell Inferjuri, 17 ta` Novembru 2000).

Il-konsegwenzi tan-nuqqas ta` notifika tad-debitur jemergu mbaghad fl-**Art 1472 tal-Kap 16** li jghid :-

*"Fin-nuqqas ta` dik it-taghrifa, jew sakemm dik it-taghrifa ma ssirx*

*(a) Id-debitur ma jistax jeccepixxi c-cessjoni kontra l-kreditur tieghu, u jekk ihallas id-dejn lil dan il-kreditur, jigi mehlus minn dak id-dejn;*

*(b) Jekk il-kreditur, wara li jkun ceda l-kreditu lil wiehed, jaghmel cessjoni ohra ta` dak il-kreditu lil haddiehor, illi jkun f`bona fidi, it-tieni cessjonarju, jekk ikun innotifika c-cessjoni maghmula lilu, hu preferit ghall-ewwel wiehed;*

*(c) Jekk il-kredituri tac-cedent jissekwestraw f`idejn id-debitur dak li dan ikollu jaghti, huma preferiti ghac-cessjonarju, allavolja ma jkunx sar kredituri hlief wara c-cessjoni;*

*(d) Id-debitur jista` jpacci kull somma li ghaliha jsir kreditur tac-cedent; izda, ic-cessjonarju ma jistax ipaci l-kreditu lilu cedut ma` dak li jkollu jaghti lid-debitur."*

Skont l-**Art 1473 tal-Kap 16**, in-notifika lid-debitur mhix mehtiega jekk id-debitur ikun accetta c-cessjoni.

Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fis-7 ta` Lulju 1998 fil-kawza Av. Dr. **Godwin Aquilina noe vs John Dacoutros noe et** kien deciz illi :-

*"Lanqas ma japplikaw id-dispozizzjonijiet ta` l-art 1471 tal-Kodici gja citat....billi skond ma jiddisponi l-art 1473 tal-istess Kodici, it-taghrifa mhix mehtiega jekk id-debitur ikun accetta c-Cessjoni. Il-konvenut Stivala tant accetta c-cessjoni li fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu huwa ddikjara li ken qed jaqbel mal-fatt kif espost mill-attur nomine u li t-talbiet attrici huma legalment gustifikati u li jixraq li jigu milqugha kif dedotti."*

Fil-fehma tal-Qorti, anke li kieku kien hemm cessjoni ta` kreditu minn Derfla Limited ghal Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited, tqis illi xorta wahda, mhijiex agevolata l-posizzjoni tal-konvenuti. Irrizulta illi fil-ftehim kienu ndikati Derfla Limited u/jew is-socjeta` attrici bhala kredituri. Fl-*invoice*s li hargu fl-isem ta` Derfla Limited, kien specifikat illi l-hlas kellu jsir lis-socjeta` rikorrenti. Saret ittra ufficjali kontra l-garanti personali [izda mhux kontra More Supermarkets (Hamrun) Limited] fejn is-socjeta` rikorrenti nterpellat ghall-hlas u wara ghamlet din il-kawza.

Fl-isfond tal-gurisprudenza fuq citata, ir-rikors guramentat jissodisfa r-rekwizit tan-notifika tad-debitur. Barra minn hekk, is-socjeta` rikorrenti thallset ta` l-krediti li kienu dovuti lilha minghand Cassar & Schembri (Marketing) Limited, ghal liema krediti dahlu responsabbli l-intimati. B`hekk jidher li d-debituri kienu diga` accettaw li l-hlas jsir lis-socjeta` rikorrenti. Dan ikompli jfisser li ma kienx hemm il-htiega ta` notifika skont l-Art 1473 tal-Kap 16.

**L-eccezzjoni qeghda tkun <u>respinta</u> fil-kaz tat-tliet konvenuti li eccepewha.**

**V. <u>L-eccezzjoni dwar il-validita` tal-*credit application form* bhala ftehim</u>**

**Din l-eccezzjoni nghatat mill-konvenuti : Mario Schembri, More Supermarkets (Hamrun) Limited u Darren Casha.**

Kien eccepit illi l-*credit application form* ezebita bhala Dok A ma tikkostitwix ftehim minhabba l-karenza tal-elementi li jaghmlu ftehim.

L-argument tal-eccipjenti huwa li fid-dokument kien hemm semplicement talba biex isir bejgh *on credit* li ma kienx segwit bi ftehim.

Sabiex skrittura tkun jikkostitwixxi ftehim jehtieg :-

i) Illi jkun hemm kitba.

ii) Illi jkun iffirmat mill-partijiet.

> *"Il secondo requisito della scrittura privata si e` di contenere il tenore delle promesse, delle stipulazioni, delle liberazioni, che e` preordinata a consacrare. Ma questo requisito, piu` che alla materiale compilazione del documento, si riferisce alla sostanza intelletuale del medesimo. Ed e` per se evidente, che nihil agit chi non seppe in una scrittura dichiarare che cosa voleva." (**<u>Baldacchino vs. Camilleri</u>** deciza fil-5 ta` Ottubru 1998 fejn il-Qorti kkwotat lil Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, Vol. I, pt.I, pg. 373 et seq)*

Fis-sentenza tas-26 ta` Jannar 1933 fil-kawza **<u>Psaila vs Scicluna</u>** kien spjegat illi :-

> *" … le parole 'scrittura privata' nella piu` larga concezione, comprendono qualunque scritto di obbligo o di liberazione … che non sia raccommandato alla fede pubblica quod auctoritate privata a privates est compositum, apoche`, antapoche` chirografi,*

> *sinigrafi ... e gli altri documenti ... Ma nell` uso della scienza giuridica da un certo tempo a questa parte, quella denominazione ha un senso piu` ristretto e proprio, in cui s` intende per privata scrittura l`atto destinato a constatare una o piu` obbligazzioni o liberazioni e munito della sottoscrizione di coloro che intervengono a stipularlo, ma non ricevuto...dal notaro o da altro pubblico ufficiale autorizzato a dargli pubblica fede."*

Minn ezami ta` Dok A, minn imkien ma jirrizulta li din kienet biss applikazzjoni biex isir bejgh *on credit.* Infatti d-dokument kien jikkonsisti fi qbil li sar ma` l-kumpannija ndikata fl-ewwel parti tal-ftehim sabiex ikun hemm *credit payment terms granted.* Hemm imnizzla id-dettalji tal-kumpannija involuta u fejn ghandhom isiru l-konsenji. Fil-kaz tal-lum, kienu koncessi *credit payment terms* ta` disghin gurnata. Fl-istess dokument, jirrizultaw it-*terms and conditions* kollha tal-kreditu, inkluz il-klawsola li tghid illi l-firmatarji kienu qeghdin jikkostitwixxu ruhu bhala garanti personali ghall-hlas mad-debitur principali. Fil-parti finali, hemm il-firem tal-persuni kkoncernati wara l-kliem : *"I hereby confirm that I have read and understood and accept ALL the above terms and conditions."*

Fil-fehma tal-Qorti, mid-dokument ma jirrizulta imkien li wara l-firma tad-dokument kellu jsir ftehim iehor formali. Tant id-dokument kien kuntratt ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li bis-sahha tieghu nfetah kont gdid, beda l-bejgh *on credit* u bdew il-konsenji tal-merkanzija.

**L-eccezzjoni qeghda tkun <u>michuda</u>.**

## VI. <u>L-eccezzjoni dwar il-kopertura tal-ftehim</u>

More Supermarkets (Hamrun) Limited u Darren Casha taw l-eccezzjoni illi l-ftehim seta` biss jorbot konsenji ta` merkanzija destinati ghall-More Hamrun peress li l-hwienet l-ohra kienu gestiti minn haddiehor.

Minkejja din l-allegazzjoni, minn qari tal-ftehim jirrizulta illi l-ftehim sar ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited, li l-isem ta` l-*outlet* kien More Supermarkets, u li l-*outlet address* kien dak tal-hwienet fil-Hamrun, Mosta, Paceville, Fgura u Zebbug.

Id-debitur kien imnizzel bhala More Supermarkets (Hamrun) Limited. Ghal din il-Qorti, ir-referenza ghal *outlets* kienet biss kwistjoni dwar fejn kellha ssir il-konsenja tal-merkanzija. Il-fatt li tnizzlu l-hwienet kollha More Supermarkets ikompli jikkonferma kemm fil-fatt kien espressament miftiehem li l-ftehim kien qed isir ma` Supermarkets (Hamrun) Limited u li ma kienx limitat ghal More Hamrun biss. Li kieku l-hsieb kien il-maqlub, ossija ma kien hemmx imnizzla li l-*outlets address* kellhom ikunu tal-lokalitajiet l-ohra jew kien imnizzel biss li l-*outlet address* kien Hamrun, kien jaghmel sens li More Supermarkets (Hamrun) Limited kienet qed tikkontratta biss fir-rigward ta` konsenji ta` merkanzija ghal More Hamrun, izda fil-kaz tal-lum irrizulta espressament li l-ftehim kien jirrigwarda konsenji lill-More Supermarkets kollha.

Il-konvenut Mario Schembri sostna li meta ffirma, ma kienx hemm imnizzla l-outlets kollha tal-More Supermarkets, ghaliex li kieku kien hekk ma kienx jiffirma. Irrefera ghad-dokument a fol 74 li huwa fotokopja tal-ftehim Dok A a fol 5 tal-process. Fid-dokument a fol 74 hemm imnizzel More Hamrun. Il-Qorti tqis illi d-dokument a fol 74 huwa fotokopja u kien prezentat mar-risposta guramentata ta` Christian Delia u Kurt Camilleri. L-original tal-ftehim kien ezebit mir-rapprezentanti tas-socjeta` rikorrenti (fol 116) u fih jidhru ndikati l-outlets l-ohra wkoll apparti More Hamrun. Minn esami ta` l-ewwel parti tal-ftehim, jirrizulta li l-kalligrafija hija l-istess. Ir-rapprezentanti tas-socjeta` rikorrenti sostnew li dik il-parti kienet kollha mimlija waqt il-laqgha, jista` jkun li din imtliet mill-accountant Francalanza. Intqal li kienu ffirmaw quddiemhom Ryan Schembri u Mario Schembri. Minn ezami tal-email ezebit a fol 109 et seq, hemm imnizzel li l-original tal-ewwel pagna tal-ftehim a fol 5 ittiehed mis-socjeta` attrici dakinhar stess. Ghalhekk, ma jistax ikun li kien hemm xi zieda fil-ftehim originali. Ghalhekk il-verzjoni ta` Mario Schembri mhijiex attendibbli. Apparti li bhala fatt lanqas biss accenna ghal din l-allegazzjoni tieghu fl-affidavit tieghu ; hem kemm qal illi meta iffirma, huwa haseb li din kienet tirrigwarda ordni wahda biss.

Dwar l-allegazzjoni li ghamlu l-konvenuti illi kull supermarket kien jigi gestit minn kumpanniji distinti minn xulxin, ma tressqux provi. Li tressqet biss kienet l-informazzjoni dwar il-kumpanniji rispettivi li ngabu mis-sit elettroniku tal-MFSA (fol 38 sa fol 55). L-intimati ma ressqux provi li kien hemm xi ftehim ohra dwar il-konsenji li kellhom isiru lis-supermarkets l-ohra. Lanqas ma tressqu provi mill-konvenuti dwar liema prodotti kienu gew ikkonsenjati lil More Hamrun, ghalkemm minn qari ta` l-*invoice*s li pproduciet is-socjeta` rikorrenti, kien hemm imnizzel l-indirizz tal-konsenja, li kienet tirrigwarda l-outlets kollha. Tajjeb jinghad illi minkejja li fit-tmien

eccezzjoni tieghu, Mario Schembri eccepixxa li l-prezz tal-merkanzija kkonsenjata fil-More Hamrun wahdu huwa ferm anqas mill-ammont reklamat mis-socjeta` rikorrenti, ma tressqux provi dwar dan.

Il-Qorti tqis illi jemergi car minn qari tal-ftehim Dok A ezebit a fol 5 u 6 illi l-ftehim kien ma` More Supermakets (Hamrun) Limited fir-rigward ta` l-outlets kollha u mhux limitatament ghal *outlet* tal-Hamrun. Dan iktar u iktar jaghmel sens, meta wiehed iqis li dan il-metodu ta` negozju kien gie stabbilit minn Ryan Schembri fejn kien hemm kumpannija wahda li kienet taghmel in-negozju mas-socjeta` rikorrenti u li mbaghad tkun l-istess kumpanija [li precedentement kienet Erom Trading Limited u qabilha Cassar & Schembri (Marketing) Limited] li tikkonsenja lill-outlets/supermarkets kollha tal-More. L-istess Darren Casha jaccetta illi meta ha l-kontroll ma` ohrajn ital-More Supermarkets huwa kompla bis-sistema ta` negozju adoperata minn Ryan Schembri. Fil-kaz in esami, jirrizulta ppruvat illi More Supermarkets (Hamrun) Limited hadet *over* hi biex tforni lill-More kollha mhux biss lil More Hamrun, kif kien allegat mill-konvenuti.s-supermarkets kollha tal-More u mhux lil supermarket iehor, kif qed jallegaw l-intimati.

**L-eccezzjoni qeghda tkun <u>rigettata</u>.**

**VII. <u>L-eccezzjoni dwar allegata rapprezentanza indebita ta` Ryan Schembri</u>**

Kien eccepit illi meta sehh il-ftehim ta` Lulju 2014, Ryan Schembri ma kienx direttur tas-socjetajiet More kollha izda biss direttur tas-socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Limited. Ghalhekk seta` jittratta biss mas-socjeta` rikorrenti dwar konsenji li kienu se jsiru lil More Hamrun.

L-eccezzjoni hija nfondata.

Minn qari tal-ftehim, jirrizulta illi n-negozju sar ma` More Supermakets (Hamrun) Limited. L-indikazzjonijiet varji ta` l-oulets fejn kellha tigi konsenjata l-merkanzija m`ghandha x`taqsam xejn dwar min kellu jkun d-debitur. Id-debitur principali kienet u baqghet biss More Supermarkets (Hamrun) Limited.

Is-socjeta` rikorrenti ghamlet kuntratt ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited u dan il-ftehim kien iffirmat mid-diretturi kollha, kif ukoll minn Darren Casha direttur ta` D More Holdings Limited, azzjonista ta` maggoranza ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited. Ladarba dawk huma r-rizultanzi, mhijiex il-mansjoni ta` din il-Qorti illi tindaga jekk l-agir ta` Ryan Schembri kienx *ultra vires* is-setghat tieghu bhalaa direttur. Kemm-il darba jezistu kwistjonijiet bejn Ryan Schembri u l-intimati l-ohra dwar jekk marx oltre s-setghat li kellu, dawn ma jiffurmawx parti mill-indagni li ghandha taghmel din il-Qorti, izda semmai ghandhom jittiehdu proceduri opportuni ad hoc mill-partijiet interessati. It-terzi bhal ma hija s-socjeta` rikorrenti ghandha tithalla barra mill-kwistjonijiet interni tal-konvenuti.

**L-eccezzjoni hija <u>respinta</u>.**

**VIII. <u>L-eccezzjoni dwar ammonti allegatament mitluba darbtejn</u>**

More Supermarkets (Hamrun) Limited u Darren Casha taw l-eccezzjoni fi proceduri ohra istitwiti kontra Erom Trading Limited mis-socjeta` rikorrenti, irrizulta li saru konsenji fl-istess supermarkets fl-istess zmien kopert bil-kawza tal-lum, u ghalhekk hemm duplicita` fl-ammonti mitluba. Kien allegat illi ma jaghmilx sens li saru ordnijiet doppji minn zewg entitajiet ghad-distribuzzjoni fl-istess stabbilimenti fl-istess zmien.

Dwar din l-eccezzjoni, minkejja li Darren Casha kien ipprometta fix-xiehda tieghu li ser jipprezenta nota guramentata li fiha jispjega fid-dettal il-lanjanza tieghu, l-ebda nota guramentata ma giet ipprezentata.

Fix-xiehda tieghu, kien iccarat li huwa kien qed jirreferi ghall-fatt li minkejja li kien intlahaq il-ftehim ta` bejgh bi kreditu ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited, baqghu xorta jinhargu *invoice*s lil Erom Trading Limited wara l-iffirmar tal-ftehim.

Din il-Qorti fliet l-*invoice*s kollha ezebiti fir-rigward ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited kif ukoll l-*invoice*s kollha ezebiti fir-rigward ta` Erom Trading Limited. Jirrizulta illi l-ftehim ma` More Supermarkets (Hamrun) Limited sar bejn it-23 u l-25 ta` Lulju 2014 u ghalhekk l-*invoice*s li nhargu lil Erom Trading Limited wara dawk id-dati huma ammont zghir li nhargu massimu sad-29 ta` Lulju 2014.

Is-socjeta attrici spjegat, tramite r-rapprezentanti taghha Ivan Azzopardi u Marvin Sapiano, li dawn l-*invoice*s hargu fl-isem ta` Erom Trading Limited, peress li meta sar il-ftehim, ikun hemm xi ordnijiet li jkunu diga` nhadmu u ghalhekk l-*invoice*s jkunu jridu jidhlu fl-isem tal-klijent ta` dak iz-zmien kien Erom Trading Limited. Kien imfisser ukoll illi sabiex jinfetah il-kont il-gdid fl-isem ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited, ikun hemm bzonn ta` ftit jiem ghall-ipprocessar tal-ftehim. Ghal dik ir-raguni kien hemm xi jiem li fejn hargu *invoice*s fl-isem ta` Erom Trading Limited.

Din il-Qorti tqis li l-ispjegazzjoni tas-socjeta` attrici taghmel sens.

Meta fliet l-*invoice*s fl-isem More Supermarkets (Hamrun) Limited jidher li dawn bdew jinhargu wara d-data ta` l-ahhar *invoice* li nharget lil Erom Trading Limited. Skont l-*statement* ezebit bhala Dok B, l-ewwel *invoice*s li nhargu lil More Supermarkets (Hamrun) Limited kienu fit-28 ta` Lulju 2014. L-ahhar *invoice*s ta` Erom Trading Limited saru fid-29 ta` Lulju 2014. Ghalhekk si tratta ta` diskrepanza ta` gurnata wahda. L-effett kien minimu : l-*invoice*s kellhom numru differenti u l-ammonti kienu distinti. Ma jirrizultax ghalhekk li kien hemm dupplicita` fl-*invoice*s ; u lanqas tressqu provi sostanzjati mill-intimati biex isostnu ta` kienu qeghdin jallegaw.

Fuq nota ohra, Mario Schembri ghamel referenza ghall-kawza *Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Jerome Trading Limited et* fejn skont l-istess Schembri il-pretensjoni hemm kienet titratta wkoll konsenji li allegatament saru fl-istess supermarkets More fl-istess zmien u allura anke hemm kien hemm duplicita` ta` ammonti mitluba mis-socjeta` attrici. L-istess Schembri ma ghamilx il-prova tal-allegazzjoni tieghu.

**L-eccezzjoni hija <u>michuda</u>.**

## IX. <u>L-eccezzjoni dwar nullita` tal-ftehim minhabba allegat ingann</u>

Tressqu eccezzjonijiet intizi sabiex jattakkaw il-validita` tal-ftehim abbazi ta` allegazzjoni ta` qerq imwettaq ghad-dannu tal-intimati Mario Schembri u Darren Casha.

Fir-risposta guramentata tieghu, Mario Schembri sostna illi l-ftehim li abbazi tieghu qeghda il-kawza tal-lum ma jiswiex u huwa null fil-konfront tieghu ai termini tal-Art 974 u 981 tal-Kap 16, peress li l-kunsens tieghu kien karpit b`ghemil doluz u ta` ingann da parti ta` wahda mill-partijiet ghall-istess ftehim.

Mario Schembri allega li Ryan Schembri ottjena l-firem fuq il-ftehim meta l-ftehim kien mehtieg limitatament fir-rigward tal-merkanzija intiza ghal More Supermarkets (Hamrun) Limited u kkonsenjata fil-More Hamrun. Jikkontendi illi meta ffirma, ma kienx hemm imnizzla l-istabbilimenti kollha More izda biss dak tal-Hamrun ; ghalhekk li kieku dawn l-istabbilimenti kollha kienu mnizzla, huwa ma kienx jaghti l-kunsens tieghu.

Mario Schembri allega wkoll illi l-firma u l-kunsens tieghu fuq il-ftehim inghata b`rizultat ta` ingann. Infatti fl-affidavit tieghu, Mario Schembri stqarr illi kien ingannat minn Alex Polidano meta sar direttur ta` More Supermarkets (Hamrun) Limited u li meta huwa ffirma l-ftehim huwa kien minghalih li dan kien jirrigwarda ordni wahda.

Darren Casha eccepixxa li l-garanzija li nghatat minnu kienet karpita bi frodi u ngann ipperpetwat mill-konvenut Ryan Schembri u allura ma tiswiex. Huwa ma kienx personalment azzjonista tas-socjeta` More Supermarkets (Hamrun) Limited hekk kif jidher fil-ftehim Dok A.

Fis-seba` eccezzjoni, Mario Schembri allega ukoll li huwa qatt ma ta l-kunsens tieghu biex jaghmel tajjeb solidalment ghal dejn favur is-socjeta` rikorrenti relattivament ghall-merkanzija kkonsenjata lill-istabbilimenti kollha tal-More peress li l-ftehim kien intiz sabiex id-diretturi tas-socjeta` intimata jaghmlu tajjeb ghall-istess socjeta` biss u mhux ghal dejn ta` socjetajiet ohra.

Dan premess, il-Qorti tirrileva illi fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta` Lulju 2004 fil-kawza **George Portelli et vs Ivan John Felice** kien inghad illi l-kunsens moghti bi zball jew mehud bi vjolenza jew b`ghemil doluz ma jkunx jiswa. Kuntratt maghmul minn xi parti b`kunsens hekk moghti ma jkunx jiswa lanqas, ghaliex il-kunsens huwa wiehed mill-erba` rekwiziti sabiex kull kuntratt ikun jiswa.

Il-Qorti kompliet tispjega li sabiex qerq jolqot il-kunsens tal-parti f`kuntratt u allura jhassar is-siwi tal-kunsens, jehtieg li : (a) jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa ; (b) li jkunu fihom infushom gravi ; (c) b`mod li jkunu determinanti ghan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet ; u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-ohra.

Sabiex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta` dehen ordinarju ma jaghrafx li jkun gie mqarraq u jkun ghemil li jmur oltre l-ftahir ezagerat dwar xi kwalita` tal-oggett tan-negozju, u li kieku ma kienx ghal dak il-qerq, kieku ma kienx jidhol fin-negozju in kwestjoni.

Fil-kaz tal-qerq, ghall-kuntrarju ta` dak li jigri fil-vjolenza (bhala kawza ta` nullita` tal-kunsens), is-sehem ta` terza persuna ma jkunx bizzejjed biex ixejjen is-siwi ta` kuntratt fejn il-kunsens ta` persuna jkun gie mehud b`qerq. Dan il-principju wkoll johrog mil-ligi. Peress li l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt, fejn jigi allegat li l-kunsens ta` xi parti kien milqut minn vizzju, il-piz tal-prova ta` fatt bhal dan jaqa` fuq min iqanqal allegazzjoni bhal din.

Il-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabbiliti bla xkiel jew diffikulta` zejda mill-parti li tallega l-qerq, ghaliex fil-kaz bhal dan l-akkuza ta` qerq ma tkunx ghajr skuza facli biex wiehed jahrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun dahal ghalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq. Fuq kollox, ghall-kuntrarju ta` dak li huwa mehtieg meta jigi allegat l-izball, fil-kaz tal-qerq l-effett tal-ghemil doluz ma hemmx bzonn li jaqa` fuq is-sustanza.

Fis-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-4 ta` Marzu 2004 fil-kawza **PL Joseph Zammit noe vs Joseph Fenech et** intqal li ghar-rigward ta` l-ghemil doluz, l-Art 981 tal-Kap 16 ighid illi l-ghemil doluz huwa motiv ta` nullita` tal-ftehim meta l-inganni maghmula minn wahda mill-partijiet ikunu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kinitx tikkuntratta. Ir-regola generali hija li z-zamma fis-sehh tal-kuntratt ihija ta` interess generali billi din hija materja ta` ordni pubbliku u ghalhekk wiehed ghandu jimxi bl-akbar cirkospezzjoni sabiex ma jigix annullat att li kellu jibqa` jsehh.

Intqal li sabiex jigi ppruvat l-ghemil doluz huma bizzejjed l-indizji u l-kongetturi basta li jkunu gravi u konkordanti b`mod li jiggeneraw il-konvinzjoni li l-liberalita` jew il-kuntratt impunjat kienu l-effett ta` raggiri

tal-kontraent l-iehor jew terzi. Sabiex ikun hemm "raggir" mhux bizzejjed il-predominju akkwistat jew ezercitat minn persuna fuq ohra sabiex iggieghelha taghmel il-kuntratt, izda huwa mehtieg element specifiku kostitwit mir-rapprezentazzjonijiet foloz, artifizji frawdolenti, mill-qerq, uzati bhala mezz sabiex iqarrqu bl-intelligenza skarsa tal-kontraent l-iehor.

Il-Qorti spjegat li barra minn hekk, huwa mehtieg li r-raggiri wzati minn wiehed mill-kontraenti fuq l-iehor kellhom ikunu tali li m inghajrhom il-kuntratt ma kienx isir. Fi kliem iehor, l-ingann irid ikun il-kawza determinant li ta lok ghal ftheim. Id-dolo jew frodi ma huwa qatt prezunt izda jrid jigi pruvat minn min jallegah.

Fis-sentenza li tat fis-16 ta` Gunju 2013 fil-kawza **Anthony Piscopo vs Charles Filletti**, din il-Qorti diversament presjeduta sahqet li l-imprudenza u l-leggerezza tal-kontraenti mhumiex raguni ghat-thassir ta` kuntratt. Huwa mehtieg element specifiku kostitwit mir-rappresentazzjonijiet foloz, mill-artifizi frawdolenti, mill-ingann uzati bhala mezzi sabiex l-iskarsa intelligenza tal-kontraent l-iehor tigi mqarrqa. Wiehed irid allura jikkonsidera jekk min qed jallega l-frodi kienx persuna intelligenti u jekk fic-cirkostanzi kiex aktar jew inqas possibbli li tigi ingannata.

Intqal li dan ma jistax hlief ifisser illi mhux kwalsiasi ingann ta` kontraent wiehed ghad-dannu ta` l-iehor jammonta ghad-dolo rikjest mil-ligi. Jkun tassew facli f`kazijiet fejn ix-xerrej jikkomporta ruhu b`mod legger li kieku kellu jigi accettat illi bl-iskuza ta` l-allegata mala fede da parte ta` wiehed mill-kontraenti, il-kontraent l-iehor japprofitta ruhu biex jezimi ruhu mill-obbligu li ma jirrispettax il-pattijiet jew biex ihassar u jannulla ftehim konkjuz.

Ta` l-istess portata kienet is-sentenza **Joseph Aquilina et vs Alfred Ellul et** li kienet deciza fit-30 ta` Marzu 2003, kif ukoll dik tal-31 ta` Janar 2003 fil-kawza **George Attard vs John Platts**.

**Qabel ma tqis il-fondatezza tal-eccezzjoni fil-mertu taghha, il-Qorti trid tqis jekk eccezzjoni ta` din in-natura tistax titressaq bil-mod kif inghatat inkella kellhiex issir azzjoni ad hoc.**

Fis-sentenza li nghatat fit-30 ta` Jannar 2004 fil-kawza **L-Av. Dr. Hugh Peralta noe vs Creditinvest International Corporate Finance Limited** kienet trattata l-kwistjoni dwar jekk il-konvenuti setghux jeccepixxu n-nullita tal-kuntratt in kwistjoni inkella kellhomx bzonn li jistitwixxu azzjoni *ad hoc* fejn jitolbu dikjarazzjoni ta` nullita` tal-kuntratt.

Inghad hekk :-

*Dwar din it-tip ta` eccezzjoni wiehed jista` liberament jghid li hemm sentenzi tal-Qrati taghna illi ma jaqblux ma xulxin, anke forsi tenut kont tal-eccezzjoni x`tirrigwardja.*

*Hemm diversi sentenzi illi jiddistingwu bejn nullita` u annullabilita` anke jekk il-ligijiet taghna ma jaghmlux din id-distinzjoni. Hemm consensus fis-sentenzi li per esempju meta nnullita tkun ope legis l-eccezzjoni tista tinghata.*

*Fil-kaz in ezami il-konvenuti qed jeccepixxu n-nuqqas ta` mandat.*

*L-artiklu 1226 tal-Kodici Civili jipprovdi illi; L-eccezzjoni tan-nullita` tista f`kull zmien tigi moghitja minn dak li jkun imharrek ghall esekuzzoni tl-kuntratt filkazijiet li fihom hu inniffsu seta` jagixxi ghar-rexissjoni.*

*Kif gia inghad xi sentenzi jiddistingwu bejn nullita` u annullabilita` u din id-distinzjoni jaghmluha l-awturi taljani. Din id-distinzjoni ghal hafna zmien giet segwita mill-Qrati taghna bhala gustifikazzjoni ghar-regola li meta n-nullita` ma tkunx espressament dikjarata mill-ligi izda tirrizulta biss wara esami serju tal-kaz allura tali kuntratt jista jigi annullat biss mill-Qorti permezz ta` azzjoni.*

*Kif innutat il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***"George Borg nomine vs Ronald Camilleri"*** *deciza fit-28 ta` Frar 1997 l-artiklu 1226 imsemmi hu riprodott mill-artiklu 934 tal-Ordinanza numru VII tal-1868. Il-Qorti tal-Appell sa mill-1876 kellha okkazzjoni tikkumenta illi;*

*Attessoche` l` idea predominante nell articolo 934 … e certamente di elevare la regola di diritto comune .. temporalia ad agendum sunt perpetua ad exceptionem .. ad una espressa disposizione patria e non certamente quella di sanzionare che tutte le specie di nullita` si possono proporre in via di eccezzione.*

*Dan il-bran hu mehud mis-sentenza fl-ismijiet "**Carmela Agius vs Dr Francesco Frendo**" (15 ta` Marzu 1876). Il-Qorti tal-Appell pero fis-sentenza imsemmija **Borg vs Camilleri** qalet ukoll :*

*Din il-gurisprudenza tabbraccja allura dik taljana li tiddistingwi bejn nullita` u annullabilita` ... u bejn nullita` assoluta u nullita` parzjali imma dan f`qasam fejn fil-verita id-disposizzjonijiet fil-kodici civili taljan ma jittaljawx ghal kollox ma dawk nostrani. Is-sottomissjoni li l-ligi taghna ma taghmel ebda distinzjoni ... tidher li hija sostanzjalment korretta fil-kuntest ta` ammissibilita` ad hoc anke jekk kif fuq accennat il-ligi tipprovdi f`certi kazi .. ghan nullita` relattiva ta`obligazzjoni. Relattiva fis-sens li tista tigi sollevata biss minn persuna li l-ligi trid espressament tipprotegi. ....... Ikkunsidrata l-materja b`dan il-mod .... Jidher li l-legislatur ghazel li jiddetermina liema kazijiet kien permess li tinghata l-eccezzjoni ta` nullita u dana lill` hinn millkonsiderazzjoni ta` kuncetti pjuttost astratti... Eccezzjoni ta` nullita` li allura teskludi l-htiega ta` azzjoni ta` dikjarazzjoni ta` nullita` liema rimedju jibqa dejjem miftuh lill-parti interessata fejn ic-cirkostanzi hekk jiggustifikaw."*

Fis-sentenza li tat fl-10 ta` Jannar 2007 fil-kawza **J & E Griscti Limited vs Jesmond Sant et**, il-Qorti ta` l-Appell spjegat li sabiex att jigi mhassar u mwaqqa` ghal xi raguni li ssemmi l-ligi dik l-annullabilita` trid per forza tkun dedotta b`azzjoni u mhux permezz tar-risposta jew ta` eccezzjoni. (ara ukoll Kollez. Vol. XXVI P III p 642 ; u Vol. XXIX P I p 452).

Dwar kif ghandu jigi kkunsidrat kuntratt meta jitqajjem vizzju ta` kunsens, fis-sentenza li nghatat fis-6 ta` Dicembru 2002 fil-kawza **Ian Busuttil et vs Carmen Taliana** nghad :-

*Issa l-artikolu 974 tal-Kap 16 jipprovdi: "Jekk il-kunsens ikun gie moghti bi zball, jew mehud bi vjolenza, jew b`eghmil doluz, ma jkunx jiswa".*

*Dwar dan l-artikolu, din il-Qorti kienet qalet fis-sentenza taghha fl-ismijiet Joseph Gatt vs Joseph Galea, deciza fit-22 ta` Marzu 1965 (Vol. XLIX.ii.826):*

*"Kif gie drabi ohra deciz mill-Qrati taghna, il-kliem `ma jkunx jiswa` f`dan l-artikolu m`ghandhomx l-istess sinifikat tal-kliem*

*`ikun null`. Jekk il-kunsens ikun vizzjat a termini ta` l-imsemmi artikolu l-att ikun invalidu imma mhux anki null. Jekk hemm vizzju tal-kunsens, bhala konsegwenza jkun vizzjat il-kuntratt bazat fuq dak il-kunsens, u l-vizzju jaghti lok ghal azzjoni ta` nullita`, li in segweitu ghaliha l-kuntratt ghandu jaqa`. Pero` l-kuntratt ma jkunx inezistenti imma biss annullabbli, ghaliex l-izball, il-vjolenza u lghemil doluz, ma jimpedux l-ezistenza tal-kunsens. Mentri l-att null ma ezista qatt, l-att annullabbli isehh sakemm ma jigix imhassar.*

*Dan huwa l-insenjament tal-Baudry-Lacantinerie, Trattato di Diritto Civile, Delle Obligazioni Vol I para. 98, li jghid in propozitu:*

*`Allorche` la violenza presenta i caratteri indicati dall-art. 1112 (Cod. Civ. It. Art. 1112), vizia il consenso e quindi il contratto di cui e` base. Per tanto essa genera un`azione di nullita` in seguito alla quale il contratto deve cadere. Il contratto, notiamolo, non e` inesistente, ma soltanto annullabile, poiche` la violenza non impedisce al consenso d`esistere ed al contratto di formarsi .... Le proposizioni contenute in questo testo o di cui si suppone l-esistenza non sono speciali alla violenza. Essi si applicano pure all`errore e al dolo" (ara wkoll P.A. Anthony Joseph Bajada v. Pauline Lumb, 15.12.1952, Maria Tabone v. Maria Vincenza Mifsud et., 15.2.54 Vol. XXXVIII.i.51, u App. Elena Agius v. Giuseppa Ciancio noe 3.2.36 Vol. XXIX.i.452)"*

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fis-27 ta` Gunju, 2008 fil-kawza **Alfred Scicluna noe vs Citadel Insurance p.l.c** kien trattat appell dwar jekk eccezzjoni setghetx tinghata bhala eccezzjoni jew kellhiex titressaq permezz ta` kawza.

L-ewwel qorti ccitat is-sentenza fil-kawza **Busuttil vs Taliana** kif ukoll il-kawza **Bajada vs Lamb** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta` Dicembru 1995, fejn kienet ordnata s-soprasessjoni talkawza sabiex il-konvenuta tiddeduci quddiem il-qorti kompetenti l-azzjoni relattiva ghall-annullament ta` l-att imsemmi ghax hasset li *"hija gurisprudenza kostanti, li meta l-kwistjoni hija ta` nullita`, il-konvenut jista` f`kawza jaghtiha b`eccezzjoni, imma jekk il-kwistjoni hija wahda ta` annullabilita` ma tistax tingieb `il quddiem hlief b`azzjoni ad hoc."*

L-ewwel qorti rreferiet wkoll ghad-distinzjoni li ghamlet il-Qorti ta` l-Appell fis-sentenza taghha tat-8 ta` Marzu 1948 fil-kawza **Falzon vs Buhagiar** fejn irriteniet li dwar nullita` assoluta ma hemmx bzonn ta` azzjoni appozita izda l-qorti tista` tezamina l-kuntratt anke jekk dan gie sollevat b`eccezzjoni waqt li fil-kaz tan-nullita` relattiva (a distinzjoni tan-nullita` assoluta jew inezistenza) hija necessarja azzjoni appozita biex l-att jigi annullat.

Id-decizjoni kienet illi l-eccezzjoni kellha tigi sostnuta b`azzjoni u tat zmien sabiex issir l-azzjoni.

Sar appell.

Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell qalet hekk :-

*Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq din il-materja billi jidher li hemm divergenza sostanzjali bejn dak li qed jigi sottomess mis-socjeta` appellanti u dak li qed jigi ribattut mis-socjeta` attrici appellata.*

*Issa, bhala regola generali insibu li l-Artikolu 1226 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta jiddisponi li "L-eccezzjoni ta` nullita` tista`, f'kull zmien, tigi moghtija minn dak li jkun imharrek ghall-esekuzzjoni talkuntratt, fil-kazijiet kollha li fihom huwa nnifsu seta` jagixxi ghar-rexissjoni."*

*Fuq dan il-principju jidher li huma msejsa s-sentenzi tal-qrati taghna billi huwa dejjem rikonoxxut li meta kuntratt huwa null il-konvenut jista` jehles mill-obbligi hemm allegatament assunti, billi fil-proceduri istitwiti mitterz, jeccepixxi din in-nullita`. Biss din ir-regola tapplika biss fil-kazi ta` nullita` espressa mil-ligi u mhux f'dawk il-kazi meta, ghal ragunijiet ohra mhux kontemplati fil-ligi, il-kuntratt jista` jigi attakkat.*

*L-Artikolu 960 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta` Malta jiddefinixxi "kuntratt" bhala "konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn minnies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata, jew mahlula obbligazzjoni." Tali kuntratt ikun jiswa kemm-il darba jkunu sodisfatti r-rekwiziti essenzjali u cioe` li l-partijiet ikunu kapaci biex jikkuntrattaw; li jkun hemm il-kunsens ta` dak illi jobbliga ruhu; li l-oggett tal-kuntratt tkun haga zgura; u finalment il-kawza ta` l-obbligazzjoni tkun wahda lecita. Jekk xi wahda minn dawn ir-*

*rekwiziti essenzjali tkun nieqsa dak il-kuntratt ghandu jigi kunsidrat "null" ab initio u hadd ma jista` jippretendi xi drittijiet emanenti mill-istess kuntratt. F`dawn ic-cirkostanzi biss ghalhekk l-eccezzjoni tan-nullita` tista` tigi promossa "per via di eccezione" a tenur ta` l-Artikolu 1226 hawn fuq imsemmi.*

Kawza relevanti hija dik moghtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta tat-28 ta` Frar, 2006 fil-kawza **Robert Forace vs Edwin Bonello** fejn intqal :-

*Il-konvenuta allega li l-istess kuntratt ta` lokazzjoni hu null minhabba vizzju tal-kunsens u frodi (li hi, pero`, gia wahda mill- "vizzji tal-kunsens" kontemplati fil-ligi u invokati b`mod generiku mill-konvenut). Il-konvenut, kwindi, qed jinvoka l-artikolu 1212 tal-Kodici Civili li jiddisponi li "kull ftehim li fih tkun nieqsa xi wahda mill-kondizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa (u l-kunsens hu wiehed mirrekwiziti essenzjali sabiex kuntratt jiswa: artikolu 966(b) tal-Kodici Civili), jew li l-ligi tiddikjara espressament li hu null, hu suggett ghar-rexxissjoni".*

*Il-vizzju tal-kunsens ma jwassalx ghan-nullita` tal-kuntratt, izda ghall-annulabilita` tieghu, u l-ftehim jitqies validu sakemm ma jigix rexxiss mill-Qorti. It-talba ghar-rexxissjoni ta` ftehim mhux miftuha lill-kulhadd, izda tista` issir biss minn dik il-parti li tallega li l-kunsens taghha kien vizzjat. (**"Pizzuto vs Schembri",** deciza minn din il-Qorti fis-27 ta` Settembru, 2002).*

*Il-gurista Giorgi ("Obbligazioni" Vol. VIII pag. 146) jghid li "L`azzione rescissaria e` il mezzo giuridico concesso al contraente, che si obbligo` invalidamente e fu leso dal contratto, di liberarsi dagli effetti pregeudicievoli dell`assunta obbligazzione invalido, ottenendone l`annullamento".*

*L-azzjoni ta` rexxissjoni hi, pero`, "azzjoni" u mhux lecitu li r-rexxissjoni ta` kuntratt minhabba vizzju ta` kunsens titqajjem per via di eccezzione. Ghar-rigward tal-kunsens moghti bi zball jew estort bil-vjolenza jew prokurat b`qerq, il-ligi tghid li "ma jkunx jiswa" u ma tghidx illi "jkun null" (artikolu 974 tal-Kodici Civili), u talba ghall-annullament tal-ftehim a bazi ta` vizzju ta` kunsens tehtieg azzjoni ad hoc.*

*Dan qalitu car u tond l-Onorabbli Qorti tal-Appell filkawza "**Ganado vs Mifsud Bonnici"**, deciza fl-4 ta` Mejju, 1984, meta ntqal li:*

*"Ma` dan jista` jigi ribadit ukoll dak li dejjem gie ritenut minn dawn il-Qrati u cioe` li wiehed ghandu jiddistingwi bejn dik li hi nullita` assoluta u nullita` ipso iure u dik li hi annullabilita` u hu saput li trattandosi ta` annullabilita` bhalma hu evidentement il-kaz prezenti l-istess ma tistax tigi ssollevata per via di eccezzjoni izda b`istanza separata".*

*Dan l-ahhar, dan il-punt rega` gie diskuss minn din il-Qorti (allura presjeduta mill-Onor. Imhallef Philip Sciberras) filkawza "**Gera di Petri vs Direttur tal-Akkomodazzjoni"**, deciza fis-27 ta` Jannar, 2003, li, wara ezami okkurat tal-gurisprudenza in materja, ikkonkludiet illi "meta att irid jigi attakkat, annullat jew mhassar, trid issir kawza ad hoc u mhux sollevata per via di eccezzione".*

*Din il-Qorti, ghalhekk, hija prekluza li tittrata l-kwistjoni tal-annullabilita` tal-kuntratt sollevata mill-konvenut u dan peress li tali materja tista` tigi diskussa biss f'kawza ad hoc li tressaq dik il-persuna li tallega li l-kunsens taghha kien vizzjat.*

Fil-kawza **Victor Denaro et vs Msida Red Stars Amateur Football Club et** deciza minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-24 ta` Novembru 2016, l-intimati eccipew in-nullita tal-koncessjoni enfitewtika stante li din kienet biss iffirmata minn Anthony Arpa li deher bhala segretarju, meta r-rapprezentanza guridika tal-club kienet vestita konguntament fil-President, Segretarju u Kaxxier tal-istess club. Ladarba tqajjmet in-nullita` tal-koncessjoni enfitewtika, *per via di eccezione*, il-Qorti qieset il-kwistjoni :-

*F'din il-materja l-gurisprudenza interpretattiva taghmel distinzjoni bejn kazijiet ta` rexxissjoni ta` kuntratt (annullabilita`) u dawk ghad-dikjarazzjoni ta` nullita` assoluta; u tinsenja li l-artikolu 1224 ma japplikax ghallkazijiet ta` nullita` ghax filwaqt li dan l-artikolu "si tratta di azione di rescisione di un` obligazione" li necessarjament tippresupponi l-ezistenza ta` obligazzjoni, in-nullita` assoluta necessarjament teskludi l-ezistenza totali talobbligazzjoni ("**Psaila vs Psaila"** A.C. 1876 - Vol.VII.632; **"Spiteri vs Soler"** A.C. 1937 Vol.XXIX.i.1087; u **"Saliba vs Saliba"** A.C. 1950 Vol.XXXIV.i.79; **"United***

***Automobile Limited vs A. Bonello Limited"*** *P.A. - 23 ta` April, 2004).*

*Illi ghal dak li jirrigwarda d-distinzjoni bejn nullita u lannullabilita` inghad li : "......meta l-kwistjoni hija ta` nullita`, l-konvenut f`kawza jista` jaghtiha b`eccezzjoni, imma jekk il-kwistjoni hija wahda ta` annullabilita`, ma tistax tingieb `il quddiem hlief b`azzjoni ad hoc." (Ara* ***Anthony Joseph Bajada vs Pauline Lamb*** *Vol XXXVI p ii p585;* ***l-Av. Dr. Alex Perici Calascione noe vs Geroge Rizzo****, P.A. deciza fis-27 ta` Gunju 2002). L-istess insenjament jinsab fil-kaz* ***J&E Griscti Limited vs Jesmond Sant et****, App. Inf. deciz fl-10 ta` Jannar 2007, fejn intqal, li:*

*"Biex att jigi mhassar u mwaqqa` ghal xi Rikors Nru: 1022/2015/LSO. 15 24 ta` Novembru 2016. raguni li ssemmi l-ligi dik l-annullabilita` trid per forza tkun dedotta b`azzjoni u mhux permezz tar-riposta jew ta` eccezzjoni." (Ara wkoll Kollez. Vol XXVI piii p642 u Vol XXIX pi p452).*

*F`dan is-sens ukoll* ***Beacon Light Limited v CMK Investments Limited*** *(9 ta` Ottubru 2014);* ***Marianne Bugeja v Natalie Mifsud*** *(16 ta` Ottubru 2002);* ***Dr. Alex Perici Calascione v George Rizzo*** *(27 ta` Gunju 2002);* ***Col. John L. Francica noe. v Francesco Vassallo pro et noe.*** *(30 ta` Gunju, 1930, Vol XXVII Vol. II pt II, pg 262).*

*Difatti, giet kemm-il darba klassifikata d-distinzjoni ta` nullita` u annullabilita` fil-gurisprudenza nostrana f`dan ir-rigward. "Meta nullita` hija komminata mil-ligi stess din tista` titqajjem permezz ta` eccezzjoni u mhux bilfors b`azzjoni jew kontro-talba." (ara* ***Jacqueline Higgans et noe vs Joseph Galea*** *P.A. – 13 ta` Gunju 1997).*

*Illi s-sentenzi li segwew din id-distinzjoni bejn in-nullita` u l-annullabilita` sostnew li meta n-nullita` ma tkunx espressament dikjarata mil-ligi tista` tirrizulta biss wara ezami serju tal-kaz allura dak il-kuntratt jista` jigi annullat biss mill-Qorti permezz ta` azzjoni ad hoc u mhux per via di eccezione.*

*Illi madanakollu l-gurisprudenza nostrana mhux dejjem kienet kostanti f`dan ir-rigward, ad ezempju fil-kaz fl-ismijiet l-****Av. Dottor Hugh Peralta noe vs Credinvest International Corporate Finance Limited.*** *(P.A. deciza fit-30 ta` Jannar*

*2014) kien gie deciz li eccezzjoni ghan-nullita` tal-kuntratt tista` tinghata per via di eccezione. Il-Qorti irribadiet li:*

*"Dwar il-kwistjoni jekk nullita` ta` kuntratt tistax tigi sollevata per via di eccezzjoni jew le, hemm consensus fis-sentenzi li per ezempju meta n-nullita` tkun ope legis l-eccezzjoni tista` tinghata. L-Artikolu 1226 tal-Kodici Civili jipprovdi illi: "L-eccezzjoni tan-nullita` tista f`kull zmien tigi moghtija minn dak li jkun imharrek ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt filkazijiet li fihom hu innifsu seta` jagixxi ghar-rexissjoni.*

*Kif gia inghad xi sentenzi jiddistingwu bejn nullita` u annullabbilita` u din id-distinzjoni jaghmluha l-awturi Taljani. Din id-distinzjoni ghal hafna zmien giet segwita mill-Qrati taghna bhala gustifikazzjoni ghar-regola li meta n-nullita` ma tkunx espressament dikjarata mil-ligi izda tirrizulta biss wara esami serju tal-kaz allura tali kuntratt jista jigi annullat biss mill-Qorti permezz ta` azzjoni.*

*Hemm pero` gurisprudenza li ssostni li l-ligi taghna ma taghmel ebda distinzjoni tidher li hija sostanzjalment korretta fil-kuntest ta` ammissibilita` ad hoc anke jekk kif fuq accennat il-ligi tipprovdi f`certi kazi ghan-nullita` relattiva ta` obligazzjoni. Relattiva fis-sens li tista tigi sollevata biss minn persuna li l-ligi trid espressament tipprotegi.*

*Ikkunsidrata l-materja b`dan il-mod jidher li l-legislatur ghazel li jiddetermina liema kazijiet kien permess li tinghata l-eccezzjoni ta` nullita` u dana lil hinn mill-konsiderazzjoni ta` kuncetti pjuttost astratti. Eccezzjoni ta` nullita` li allura teskludi l-htiega ta` azzjoni ta` dikjarazzjoni ta` nullita` liema rimedju jibqa` dejjem miftuh lill-parti interessata fejn iccirkostanzi hekk jiggustifikaw."*

*Hawnhekk giet abbraccjata it-teorija li una volta li l-konvenut jista` jagixxi ghan-nullita`, tali eccezzjoni tista` tinghata u ghalhekk hija ammissibbli. Ghalhekk, il-Qorti sostniet li eccezzjoni li kuntratt kien null ghax kien iffirmat minn persuna mhux awtorizzata kienet ammissibbli.*

*Illi distinzjoni ohra hija bejn att annullabbli u att inezistenti. L-awtur Baudry-Lacantineri, fit-Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile jiddeskrivi l-att inezistenti f`"quello che si concreta in fatto ma manca l`esistenza legale - e` una semplice parvenza d`atto."*

*Ikompli "La distinzione fra contratti inesistenti e contratti annullabili e` capitale e conduce a conseguenze pratiche della massima importanza. L`annullamento d`un contratto non puo`verificarsi se non per effetto di una sentenza che lo pronunzi espressamente dietro domanda di colore cui la legge accorda l`azione di nullita. Non occorre invece rivolgersi al gudice per la dissoluzione di un contratto inesistente. Se il giudice interviene (e` cio puo` divenir necessario in caso di contestazione) "ufficio suo deve pero` ridursi a constatare il fatto dell`inesistenza del contratto e a dedurne le conseguenze."*

Fl-isfond ta` din il-gurisprudenza, il-Qorti hija tal-fehma illi hija prekluza li tittratta l-kwistjoni tal-annullabilita` tal-kuntratt sollevata mill-intimati.

Din il-materja fejn qed jigi allegat li l-kunsens kien vizzjat b`qerq ghandha tigi trattata permezz ta` kawza ad hoc li tressaq dik il-persuna li tallega li l-kunsens taghha kien vizzjat.

Fil-kaz tal-lum, ma tressqux provi li jistabilixxu li l-konvenuti Casha u/jew Schembri hadu azzjoni b`kawzi ad hoc.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet taghhom fil-kuntest tal-azzjoni odjerna huma inammissibbli.

Apparti dan, din il-Qorti mhijiex konvinta li abbazi tal-provi akkwiziti jezistu l-elementi ta` vizzju tal-kunsens.

Il-frode sabiex tista` twassal ghall-annullament tal-kuntratt trid tkun rizultat ta` raggiri "maghmulin minn wahda mill-partijiet" (Art 981 Kodici Civili), u mhux minn xi terz, u allura, huwa rrilevanti dak li setghu taw x`jifhem terzi bhal Alex Polidano lil Mario Schembri.

Inoltre, din il-Qorti lanqas ma hi konvinta li l-konvenuti Darren Casha u Mario Schembri gew imqarrqa.

Iz-zewg konvenuti ma ressqux provi sodisfacenti dwar l-allegazzjonijiet taghhom ta` qerq.

Kif diga` nghad aktar kmieni, l-ghemil doluz ma jistax ikun prezunt u l-piz tal-prova tispetta lill-konvenuti. Eppure baqghu ma ressqux provi konvincenti dwar l-allegazzjonijiet taghhom, hlief li sostnew li t-tnejn li huma kienu jafdaw b`ghajnejhom maghluqa lil Ryan Schembri.

Il-Qorti zzomm ferma ma` dak li kien enuncjat fil-gurisprudenza fis-sens li l-qerq ma jistax jigi allegat meta l-fatti setghu jigu stabbiliti bla xkiel jew diffikulta` zejda mill-parti li tallega l-qerq.

Kien wisq facli ghall-konvenuti Casha u Schembri li jaqraw il-ftehim li ffirmaw u jifhmu ghalxiex kienu ser jiffirmaw.

F`ghajnejn il-Qorti, fil-kaz tal-lum, ix-xilja ta` qerq hija biss skuza tal-konvenuti biex jittentaw jaharbu milli jwettqu r-rabtiet li dahlu ghalihom.

Il-ftehim ma jistax jigi rexiss fuq il-bazi ta` l-ispensjeratezza tal-firmatarji.

Fuq nota finali, din il-Qorti tfakkar dak li kien inghad fis-sentenza li nghatat fit-28 ta` Frar 2003 fil-kawza : **Godwin Navarro vs Saviour Baldacchino** :

> *Is-sens guridiku jiddetta illi l-ftehim bil-miktub ghadnu jorbot lill-firmatarji fit-termini stretti tieghu u ma ghandux jigi mibdul jew cirkuwit b`mera assunzjoni soggettiva ta` xi parti fost il-kontraenti. Parti li tiffirma kuntratt minghajr ma tkun taf il-kontenut tieghu tassumi r-responsabilita` tat-traskuragni taghha.*

**L-eccezzjonijiet huma respinti.**

## X. L-eccezzjoni dwar allegat qerq tas-socjeta` attrici ghad-dannu ta` Darren Casha

Waqt il-gbir tal-provi, Darren Casha allega li s-socjeta` rikorrenti qarrqet bih billi ma spjegatlux il-kontenut tal-ftehim in kwistjoni.

Jinghad mill-ewwel illi ma hemmx eccezzjoni f` dan is-sens.

Minghajr pregudizzju ghal dan, il-Qorti lanqas ma tara l-fondatezza tal-allegazzjoni.

Il-konvenut Casha ffirma ftehim identiku ghal dak in ezami fl-isem ta` Erom Trading Limited.

Huwa negozjant li jaf jaqra u jikteb, kif ukoll jifhem il-kundizzjonijiet li huwa kien qed jiffirma ghalihom.

Ma hemmx dubju li l-ftehim kien car bizzejjed fit-termini tieghu u kienet rattifikat mill-istess konvenuti meta accettaw il-merkanzija konsenjata.

**L-eccezzjoni hija <u>rigettata</u>.**

## XI. <u>It-tieni u t-tieni talbiet attrici</u>

Il-Qorti fliet l-i*statement* ezebit bhala Dok B a fol 7 sa 25 tal-process u qabblitu ma` l-*invoice*s msemmija fl-istess *statement.*

Jirrizulta ppruvat illi kien hemm bilanc ta` EUR 350,625.25 favur is-socjeta` attrici.

Tenut kont ta` li sehh fil-mori tal-kawza, l-ammont li ghadu dovut lis-socjeta` attrici jammonta ghal EUR 250,625.25.

## XII. <u>L-imghax</u>

Kif inghad fis-sentenza ta` din il-Qorti tal-24 ta` Jannar 2012 fil-kawza **<u>J&M Aluminium Ltd vs Alu. Care Mosta Limited</u>** minkejja li l-kumpannija attrici kienet qeghda tippretendi hlas wiehed li jkopri l-fatturi kollha mertu tat-talba tal-hlas, kien imfisser illi : *"...kull fattura hija l-prova ta` l-bejgh **individwali u distint** ta` materjal. Ghalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imghax pretiz ghandu jitqies fil-kuntest ta` kull fattur individwali."*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-3 ta` Ottubru 2002 fil-kawza **<u>Muscat et vs Radmilli et</u>** nghad illi :-

> *"Il-ligi tghid car li fejn l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta` somma flus determinata, id-danni li jigu mid-dewmien tal-ezekuzzjoni ta` dik l-obbligazzjoni jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq l-imsemmija somma mahduma bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena, li jkunu dovuti bla ma jkun hemm ghalfejn li l-kreditur jipprova li bata xi telf minhabba d-dewmien."*

F`dak il-kaz, id-dejn kien ta` natura kummercjali u allura l-qorti kompliet tghid illi : *"jekk wiehed iqis li l-obbligazzjoni mehuda mill-imharrkin kienet wahda ta` natura kummercjali, allura jista` jinghad ukoll li l-imghaxijiet jibdew jghaddu ipso jure bla htiega ta` talba ghalihom b`att gudizzjarju, u b`effett minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha titwettaq".*

Il-Qorti ta` l-Appell Inferjuri fis-sentenza taghha ta` l-20 ta` Ottubru 2003 fil-kawza **<u>Adrian Vella de Lucca vs Blue Med Travel Services Ltd</u>** spjegat illi :-

> *"L-Artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi "jekk l-obbligazzjoni tkun ta` xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghoddu ipso jure l-imghaxijiet jghaddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita". Dan s`intendi sakemm ma jkunx gie milhuq mill-kontendenti ftehim xort`ohra. Fil-kaz in ezami l-ebda ftehim bhal dan ma gie divulgat li kien fis-sehh. Ma ghandux ikun dubitat illi fil-kaz in ezami si tratta ta` obbligazzjoni ta` natura kummercjali, konsiderat ix-xorta ta` negozju kondott lejn il-partijiet.*

*U kif ritenut, "ir-raguni ghaliex fuq debitu kummercjali likwidu u ezigibbli ddekorrenza ta` l-interessi hija "di pieno diritto" tinsab fil-fatt illi l-interessi jirrapprezentaw lukru li d-debitur jippercepixxi b`vantagg proprju minn kapital li jispetta lill-kreditur tieghu, li jista` ugwalment jaghmel profitt minn dawk l-interessi" – "**Spiridione L. Mizzi pro et nomine –vs- Emmanuele Falzon",** Qorti Kummerc, 16 ta` Frar 1954. Konsegwentement b`applikazzjoni ta` dan it-taghlim, it-talba attrici giet sewwa formulata bhala komprensiva ta` l-interessi kollha skaduti anterjorment ghall-istess avviz, billi, kif rispekkjat, il-ligi tirrikonoxxi lill-attur nomine, kreditur `di pieno diritto`, anki tal-lukri mill-jum li fih is-socjeta` konvenuta debitrici kien messha adempiet l-obbligazzjoni taghha billi thallsu l-ammont korrispondenti f`kirjiet ta` vetturi."*

Fl-istess sens kienet is-sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell ta` l-10 ta` Ottubru, 2003 fil-kawza **<u>Mario Mallia noe et vs Francis Bezzina Wettinger</u>** :

*"L-artikolu 1141 tal-Kodici Civili jipprovdi li jekk lobbligazzjoni tkun ta` xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew ighaddu ipso jure, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita." F`kull kaz iehor, l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dak inhar illi ssir sejha ghall-hlas b`att gudizzjarju, ghalkemm fil-ftehim ikun gie stabbilit zmien ghall-esekuzzjoni ta` l-obbligazzjoni.*

*Is-sentenza ta` l-ewwel qorti akkordat l-imghax mid-data tas-sentenza minghajr ma qalet ghala kien qed jigi deciz hekk. Mil fuq espost jidher li l-ewwel qorti kienet zbaljata nkwantu l-imghax jew kellu jigi akkordat mid-data meta l-ammont kellu jigi mhallas lura, u dana f`kaz li l-obbligazzjoni kienet wahda kummercjali, jew, jekk l-obbligazzjoni ma kienetx ta` natura kummercjali, dan limghax ghal anqas kellu jibda jigi komputat mid-data tal-presentata tal-att gudizzjarju stante li l-ammont reklamat bhala kapital kien wiehed determinat, u dana kif gie diversament ritenut u deciz minn din il-Qorti. Fil-kaz in ezami l-konvenju in kwistjoni kien ta` natura kummercjali billi minn banda wahda kien hemm l-element spekulattiv da parti tal-konvenut filwaqt li l-akkwirenti prospettivi kienu zewg socjetajiet kummercjali. Infatti l-istess konvenut gie mharrek quddiem il-Qorti tal-Kummerc u ma ressaq*

*ebda eccezzjoni fir-rigward. Minn dan jidher li l-aggravju tal-appellanti huwa gustifikat billi fil-kaz in ezami ghandhom japplikaw ir-regoli enuncjati fl-artikolu 1141 fuq citat u b`hekk l-imghax jigi akkordat mid-data tal-iskadenza tal-konvenju, u cioe` mit-22 ta` Frar, 1990 u mhux mid-dati tal-pagamenti rispettivi kif mitlub fic-citazzjoni u fir-rikors tal-appell inkwantu l-obbligazzjoni tar-restituzzjoni sehhet dak inhar li skada l-konvenju. "*

Tenut kont li l-obbligazzjoni kienet kjarament ta` natura kummercjali, l-imghax ghandu jigi kkalkolat mid-data meta l-obbligazzjoni giet ezegwita, ossija mid-data meta suppost kellu jsir il-hlas.

Dan premess, tajjeb jinghad illi fit-tieni kolonna ta` Dok B insibu d-data meta kellu jsir il-hlas.

Ghalhekk l-imghax ghandu jigi kkalkolat b`mod separat ghal kull fattura b`dana illi ghall-ammont li jkun ghadu *outstanding* jithallas imghax.

Ladarba, ma tressqux provi dwar meta saru l-pagamenti fuq *invoice*s partikolari, il-Qorti ghandha tqis li fuq l-ammont li hemm pendenti beda ghaddej imghax mid-data li l-pagamenti gew dovuti.

Madanakollu, din il-Qorti hija fl-impossibilita` li tadotta tali kalkoli peress li l-ammont globali li jirrizulta mill-*statement*s u *invoice*s ezebiti huwa ta` somma ferm akbar minn dik li ghadha dovuta, stante li kien imbaghad fil-mori li sehh il-ftehim bejn uhud mid-debituri u l-ammont gie ridott b`EUR 100,000.

In vista ta` din ic-cirkostanza, il-Qorti ma tistax tadotta l-metodu matematiku fuq imsemmi.

Tenut kont ta` dan kollu, il-Qorti tara li lanqas ma huwa opportun li jigi addottat l-insenjament generali li fil-kaz ta` azzjoni ta` din l-ispecie, fejn jintalab ammont cert, l-imghax jibda jiddekorri min-notifika tac-citazzjoni jew min-notifika ta` l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja.

F`ghajnejn din il-Qorti, l-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-prezentata tan-nota ta` riduzzjoni ta` l-ammont pretiz, ossija fl-20 ta` April 2015 (fol 92).

Dakinhar kien iz-zmien meta l-ammont kien wiehed cert u likwidu.

## XII. <u>Il-garanzija</u>

Jirrizulta li l-firmatarji tal-ftehim taw garanzija personali flimkien mad-debitur principali More Supermarkets (Hamrun) Limited.

Il-ftehim ighid hekk :-

*10. Guarantee: The Guarantor hereby constitutes himself/herself a joint and several debtor with the Customer, in favour of the Company, which accepts, in respect of the Customer`s obligations under these Terms of Credit. All the parties to this Agreement agree that the Company has the right, at its option, to proceed for the recovery of any balance due hereunder against either the Customer or the Guarantor or against both the Customer and the Guarantor at the same time.*

…

*12. Private Limited Liability Company: The Director/s and/or Shareholders of the private company signing this agreement, bind themselves personally to the Company which accepts, in solidum, together with the private company, to the performance of all the obligations under these Terms and Conditions of Credit. In particular, and without prejudice to the generality of the above, they shall personally be liable, in solidum, with the private company for the repayment of all overdue payments and interest due to the company under this agreement. In the absence of any other agreement, this personal liability will subsist even if the private company liquidated, wound up, amalgamated with another company or converted, and notwithstanding any change in the names of the Directors and/or Shareholders after signing of this agreement and/or in the running of the business."*

Importanti wkoll hija d-definizzjoni li tinsab fi klawsola 1 fir-rigward tat-terminu *Guarantor* liema terminu jintuza fi klawsola 10 tal-ftehim.

Il-frazi tghid : "*the person signing this form herunder who guarantees in his own personal name to pay any balance due to the Company as defined in this clause, should the debtor fail to pay as agreed, whether the debtor trades as a sole trader, any partnerhip or limited liability company.*"

Jidher evidenti li l-firmatarji Ryan Schembri, Mario Schembri u Darren Casha taw garanzija personali versu l-pagament ta` ammonti dovuti minn More Supermarkets (Hamrun) Limited lill-kreditrici.

Mhuwiex argument fondat li Darren Casha jittenta jinheba wara l-fatt li fuq il-ftehim huwa gie mnizzel bhala azzjonist tal-kumpannija More Supermarkets (Hamrun) Limited, meta fir-realta` dak iz-zmien huwa ma kienx azzjonist u lanqas direttur taghha.

It-termini tal-ftehim kienu jsemmu bhala *guarantor* kull firmatarju li mhux necessarjament kellu jkun jokkupa kariga ta` direttur jew kien azzjonist. Jista` jkun li kienet prassi li ftehim bhal dan jigi ffirmat minn diretturi jew azzjonisti maggoritarji, izda dan ma jippreskludix li persuni ohra li seta` kellhom interess (bhalma fil-fatt kellu Casha) jiffirmaw tali ftehim.

**Ghaldaqstant, Darren Casha flimkien ma` l-intimati Schembri kkoncedew garanzija personali u ghalhekk kienu solidalment responsabbli flimkien mad-debitur principali ghal hlas tal-bilanci dovuti.**

<u>**Decide**</u>

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attrici kontra l-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u Adrian Agius**

billi t-talbiet attrici kienu ceduti kontra dawn il-konvenuti fil-mori tal-kawza.

Tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra kollha.

Tipprovdi dwar it-tieni talba attrici billi tiddikjara illi l-konvenuti (bl-eccezzjoni ta` l-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u Adrian Agius) huma debituri tas-socjeta` attrici fl-ammont ta` mitejn u hamsin elf sitt mija tnejn u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€250,652.25).

Tipprovdi dwar it-tielet talba attrici billi tikkundanna lill-konvenuti (bl-eccezzjoni ta` l-konvenuti Christian Delia, Kurt Camilleri u Adrian Agius) sabiex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont ta` mitejn u hamsin elf sitt mija tnejn u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€250,652.25) bl-imghax legali b`effett mill-20 ta` April 2015 sad-data tal-pagament effettiv.

Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza komprizi dawk tal-mandat ta` sekwestru nru 2010/2014 ghandhom jithallsu mill-konvenuti More Supermarkets (Hamrun) Limited, Ryan Schembri, Mario Schembri u Darren Casha.

Tordna illi l-kuraturi deputati jithallsu skont il-ligi.

Onor. Joseph Zammit McKeon
Imhallef

Amanda Cassar
Deputat Registratur